# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Ottubru 2024**

**Numru : 3**

**Rikors numru 885/2015/1 LM**

**John Baldacchino**

**v.**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-intimata, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, wara deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Ġunju 2020. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata ġew miċħuda, it-talbiet tal-attur ġew milqugħa u l-intimata ġiet misjuba unikament responsabbli

għad-danni sofferti mill-attur u ġiet ordnata tħallas lill-attur l-ammont ta' sitta u erbgħin elf sitta u ħamsin *Euro* u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€46,056.55) f'danni u kif ukoll tħallas l-ispejjeż inkluż tal-protest ġudizzjarju tat-23 ta' Marzu, 2015 (128/15). Imgħaxijiet bdew jiddekorru mid-data tas-sentenza.

**Daħla**

2. L-attur, permezz ta' rikors ġuramentat intavolat fit-23 ta' Settembru 2015, talab lill-Ewwel Qorti:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Awtorità intimata hija unikament responsabbli għad-danni u l-ispejjeż oħra sofferti mir-rikorrenti John Baldacchino kif fuq spjegat b'konsegwenza ta' dak li seħħ fis-6 ta' Diċembru 2014;*
>
> *2. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti konsistenti dawn f'debilità funzjonali u permanenti, telf ta' qligħ futur, u spejjeż oħra;*
>
> *3. Tikkundanna lill-Awtorità intimata tħallas lir-rikorrenti d-danni u l-ispejjeż hekk likwidati, u dan flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Marzu 2015, data tan-notifika tal-protest ġudizzjarju numru 128/15;*
>
> *Bl-imgħax legali kif mitlub, u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju datat 23 ta' Marzu 2015 (128/15), kontra l-Awtorità intimati li tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni."*

3. L-attur ressaq it-talbiet suesposti abbażi tas-segwenti premessi:

> *"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*
>
> *1. Nhar is-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena 2014, ir-rikorrenti John Baldacchino, waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Yamaha XJR1300 bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN-130 fi Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja, direzzjoni Ħal Far, waqa' minn fuq l-istess mutur u meta niżel mal-art, ħabat mal-guard rails fl-istess triq (Dok. A).*

*2. Se jirriżulta waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors ġuramentat illi kien biss ħtija tat-tip, l-għamla, il-posizzjoni u/jew l-istat ta' dawn l-istess guard rails fi Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja, u unikament b'konsegwenza ta' dan, illi r-rikorrenti sofra ġrieħi serji u gravi fuq il-persuna tiegħu; dan kif jidher mill-Case Summary tal-isptar Mater Dei (Dok B), tant illi fit-tlettax (13) ta' Diċembru tas-sena 2014, driegħu il-lemini kellu saħansitra jiġi disartikulat. Inoltre, wara d-debiti aċċertamenti mediċi, irriżulta illi r-rikorrenti John Baldacchino, sofra minn ġrieħi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu, tant illi ikkawżawlu debilità funzjonali u permanenti u dan kif iddettaljajt aħjar fir-rapport mediku rilaxxjat mit-tabib konsulent Massimo Abela datat 24 t'Awwissu 2015 (Dok Ċ).*

*3. Għalhekk per konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sofra danni konsistenti f'debilità funzjonali u permanenti, telf ta' qligħ futur, u spejjeż oħra, u dan biss ħtija tat-tip, l-għamla, il-posizzjoni u/jew l-istat ta' dawn l-istess guard rails fi Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja li magħhom ħabat ir-rikorrenti.*

*4. Interpellata kemm b'ittra legali datata 11 ta' Frar 2015 (Dok D), u kif ukoll aktar tard bi protest ġudizzjarju datat 23 ta' Marzu 2015 (rif. 128/15, Dok E) sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti, l-Awtorità intimata baqgħet inadempjenti.*

*5. Ir-rikorrenti John Baldacchino jaf personalment b'dawk il-fatti kollha.*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Minħabba t-tort u/jew in-negliġenza u/jew l-imperizja u/jew in-nuqqas ta' teħid tal-miżuri neċessarji ta' u da parti tal-Awtorità intimata, ir-rikorrenti John Baldacchino sofra ġrieħi serji, gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu, riżultanti dawn f'danni konsistenti f'debilità funzjonali u permanenti, telf ta' qligħu futur, u spejjeż oħra.*

*2. Għalhekk kellhom jiġu mibdija dawn il-proċeduri.".*

4. L-intimata Awtorità għat-Trasport f'Malta ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent stante li l-Awtorità esponenti ma kellha ebda ħtija jew responsabbilità għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri;*

*2. Illi tali inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tar-rikorrent;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-guard rails in kwistjoni huma*

*ekwivalenti għall-istandards u speċifikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u installati skont is-sengħa u l-arti;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità esponenti mhijiex responsabbli għad-danni allegatament sofferti mir-rikorrent, u għaldaqstant ma għandhiex tiġi ordnata illi tħallas ebda danni li jistgħu jiġu likwidati favur ir-rikorrent;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrent li jiprova sal-grad rikjest mil-liġi li huwa sofra xi danni li fi kwalunkwe każ huma kkontestati;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk relatati mal-kontro-protest ġudizzjarju bin-numru 161/2015 datat it-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015)."*

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti *decide*:

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità konvenuta;*

*2. Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara illi l-Awtorità konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur John Baldacchino b'konsegwenza tal-inċident li seħħ fis-6 ta' Diċembru, 2014, meta waqt li*
*l-attur kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Yamaha XJR 1300 bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN-130 fi Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja, direzzjoni Ħal Far, waqa' minn fuq l-istess mutur u ħabat mal-guard rails fl-istess triq*

*3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-isemmi inċident fis-somma ta' €46,056.55 (sitta u erbgħin elf sitta u ħamsin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu);*

*4. Tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur id-danni kif likwidati.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tat-23 ta' Marzu, 2015, (128/15), u bl-imgħaxijiet legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-Awtorità konvenuta.*

6. L-intimata Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll l-appellanta) resqet appell nhar is-26 ta' Ġunju 2020 u l-attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ukoll l-appellat) ressaq risposta nhar

il-21 ta' Lulju 2020.

**Fatti**

***Dinamika tal-Inċident***

7. L-**Ewwel Qorti żammet aċċess** fil-lok mertu tal-kawża nhar l-10 ta' Mejju 2017[1]. L-attur qal li kien ġej mid-direzzjoni ta' Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja u li kien qed isuq lejn Ħal Far, skiddja u spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq u ċjoè fil-karreġġjata li tagħti għall-ajruport, u baqa' jżomm mal-mutur waqt li jitkaxkar mal-bankina sakemm ħabat mal-*guardrail* imsejħa wkoll *crash barrier*. Qal li l-impatt seħħ mal-*guardrail* li tinsab ftit lil hinn minn arblu mit-*traffic mirror* li hemm fi Triq Ħal Far faċċata ta' Triq Ħal Safi u ftit lil hinn minn arblu tad-dawl li jinsab immedjatament biswit it-*traffic mirror*.

8. Skont il-***Current Incident Report*** **preparat minn PS 1386 Anthony Agius**, nhar is-6 ta' Diċembru 2014, għall-ħabta tas-13.30, l-attur *qua* appellat, waqt li kien qiegħed isuq mutur tat-tip Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni GAN 130, kien involut f'inċident stradali li seħħ fi Vjal l-Avjazzjoni ġewwa l-Gudja. Flimkien mal-attur kien hemm Gabriel Baldacchino, iben l-attur, bħala passiġġier. Ma kien hemm l-ebda vetturi jew persuni oħra nvoluti fl-inċident[2].

[1] *Fol.*348
[2] *Fol.* 6 *et seq.*

9. Skont ir-rapport tal-pulizija: "*When spoken to by the police Gabriel Baldacchino stated that he was a passenger on the m/cycle and they were heading towards Hal Far. When they came near the bend, they over took a line of m/cycles and in so doing the driver lost control of the m/cycle with the result that it went to the other side of the road, with the manouver the passenger fell to the left and the driver to the right.. When the driver fell from the m/cycle, he continued to collide for some distance with the iron railing which are situated on the sides of the road. The m/cycle continued for some distance and fell on the ground. It sustained damages on the front lights, two front meters, front mudguard, indicator and some briushes on the right side. The iron railing did not sustaine any damages*[3].

10. Fir-rapport intqal ukoll illi: "*From enquiries carried out on the spot it resulted that the barriers are half a meter away from the curb and the m/cycle skidded for a distance of about 25 meters along the curb."* u "*Fil-7/1/2015 jiena kellimt lil John Baldacchino fejn qal li huwa kien qed issuq il-mutur tieghu fi triq l-Avjazzzjoni Gudja sejjer Hal Far u meta telaq ir-roundabout tal-ajruport l-ewwel kiser fuq il-lemin u fid-distanza sa l-ewwel kisra fuq ix-xellug qabeż ftit muturi. Kif gie fit-tieni kisra ghal xi raġuni li ma jafx sab ruhu fuq in-naħa l-oħra tat-triq bil-konsegwenza li ħabat idu il-leminija mal crash barrier. Għal ewwel baqa' ma l-art u innota it-tifel*

[3] Ibid *Fol.* 9 u 10

*tiegħu ma xi ħadd. Wara qam u serraħ fuq il-crash barrier.”*[4]

11. Ġie preżentat Current Incident Report[5] ieħor minn PS 1602 Marco Mifsud, li kellu miżjud lista ta' xhieda u s-segwenti dikjarazzjoni:

> *“Fil-15/1/2015 ghal habat 4.45pm Gabriele Baldacchino gie l-ghassa taz-Zejtun fejn qal li xtaq izid xi affarijiet mal-istqarrija tieghu' Huwa qal li meta huma qabzu il-muturi huma saqu distanza twila sa ma gara l-incident. Huwa qal ukoll li l-incident ma ghandux x'jaqsam xejn mal-fatt li huma qabzu l-muturi.*
> *Update by W.P.S. 40 I. Camilleri on the 22nd January, 2015:-“*

12. Permezz tax-xhieda tiegħu, is-Surġent Anthony Agius[6], l-awtur prinċipali tal-Current Incident Report, xehed li mar fuq il-post eżatt wara l-inċident u li l-attur kien diġà ttieħed l-isptar u li l-mutur kien mal-ġenb u kien hemm iben l-attur, Gabriel Baldacchino:

> *“... Jien kellimt lil Gabriel dak il-hin u kien qalli li hu kien passigier u kienu qed isuqu lejn Hal Far. Qabel qabdu l-kisra kienu qabzu numru ta' muturi bil-konsegwenza li l-mutur mar fuq in-naha l-ohra tat-triq. Hu kien waqa' minn fuq il-mutur u missieru tkaxkar ghal diversi metri mal-genb tat-triq, li ftit 'l gewwa minnha hemm railing tal-hadid. Jien kont ikkuntattjajt l-isptar u kienu qaluli li diga tellghuh fl-operating theatre u kienu qed joperawh. Fis-7 ta' Dicembru kont ikkuntattjajt l-ITU u kienu qaluli li John kien stabbli imbaghad fl-14 ta' Dicembru kienu infurmawna li John kien itella' l-Ortho Ward 1. Jien kont nizzilt li l-barrier in kwistjoni qieghda xi metru u nofs 'l boghod mix-xifer tat-triq u li l-mutur kien mexa tul distanza ta' hamsa u ghoxrin metru. Fis-7 ta' Jannar, 2015 cempilt lil John Baldacchino fejn dan qalli li hu u t-tifel kienu qeghdin fuq il-mutur. Kif telqu r-roundabout tal-airport kienu kissru fuq il-lemin u bejn l-ewwel kisra fuq ix-xellug sat-tieni kisra, kienu qabzu xi muturi u x'hin gew biex jiksru fit-tieni kisra fix-xellug, ghal xi raguni li hu ma jafx kien tilef il-kontroll tal-mutur. It-tifel waqa' n-naha tax-xellug u hu baqa' jintmesah tul ir-railing sakemm waqa' mal-art. Fil-15 ta' Jannar gie Gabriel Baldacchino fejn qalli li xtaq izid li l-incident ma kienx gara a konsegwenza li huma qabzu dawn in-numru ta' muturi*
>
> *Qorti : Meta qed tghid barriers, qed tirreferi ghal railings*

---

[4] Ibid
[5] *Fol.* 113 *et seq.*
[6] *Fol.* 125 *et seq.*

*Xhud : Crash barriers imwahhlin permanenti.....”*

13. Is-Surġent Anthony Agius xehed ukoll li l-mutur kien direzzjoni Hal Far, in-naħa tax-xellug u kien qiegħed ġo daħla u li meta rah hu kien diġà ġie mċaqlaq u li ma rahx mal-*crash barrier*. Mistoqsi fejn seħħ l-inċident hu qal:

> *“....Jekk nibdew minn fejn ir-roundabout tal-Airport sejrin lejn Hal Far. Tibqa’ sejjer lejn Hal Far, ha ddur l-ewwel kisra li hija fuq in-naha tal-lemin imbaghad ha terga’ ddur fuq ix-xellug u terga tinkiser fuq ix-xellug.*
>
> *...*
>
> *Dr. Carina Testa : Mill-verzjoni li inghatajt, gejt infurmat li l-mutur spicca in-naha l-ohra tat-triq, jigifieri mhux sejjer lejn Hal Far imma n-naha l-ohra?*
>
> *Xhud : Le fuq in-naha l-ohra tat-triq jigifieri fuq il-lane li taghti minn Hal Far ghall-Gudja*
> *Dr. Carina Testa : Fuq in-naha opposta*
>
> *Xhud : Iva*[7]*....”*

14. Is-Surġent Anthony Agius xehed li stabbilixxa li l-inċident seħħ mal-*crash barrier* peress li kien għad fadal anke xi biċċiet tal-ħwejjeġ tal-attur u tat-*tyres* mal-*crash barrier*. Jgħid li hu kellem lil iben l-attur u li għalkemm kellem xi nies oħra ma ħax il-verżjoni tagħhom għaliex dak il-ħin ma ndunax kif kienet id-dinamika tal-inċident. Xehed li ma daħalx fil-kwistjoni ta’ jekk meta seħħ l-*overtaking* l-attur marx fuq in-naħa l-oħra tat-triq u li f’dan il-każ il-vettura ma kinitx karozza u li huwa aktar faċli għall-mutur li jaqbeż vettura oħra fl-istess karreġġjata. Madankollu xehed li l-attur kien qallu li qabeż diversi muturi u għal xi raġuni sab ruħu fuq in-

[7] *Fol.* 129 *et seq.*

naħa l-oħra tat-triq u ċjoè direzzjoni Gudja:

> *".....Dr. Carina Testa : Qed nifhem sew li filfatt John Baldacchino kien ghaddej fit-tirq li taghti ghal Hal Far. Hekk kif sehh l-incident tkaxkar minn karreggjata ghal ohra u baqa' sejjer sal-crash barrier li qeghda fit-tarf tat-triq*
>
> *Xhud : Kif qabez il-karreggjata hu kien ghadu orajt. Imbaghad x'hin qabad il-mutur ...*
>
> *Dr. Carina Testa : Minn fejn sehh jew gejt infurmat li sehh l-incident, sa meta allegatement waqaf mal-crash barrier, xi kemm kien hemm metri?*
>
> *Xhud : Le hu tkaxkar mal-crash barrier. Hu mhux habat mal-crash barrier u waqa'. Skont ma qalli hu tkaxkar mal-crash barrier*
>
> *Dr. Carina Testa : Pero qabel ma tkaxkar, xi kemm kien hemm distanza mal-mument li hu waqa' mill-mutur ghall-mument li tkaxkar mal-crash barrier?*
>
> *Xhud : Jien ma nistax nghidha dik. It-tyre marks mal-kurduna jkun hemm l-iswed imma dan seta' mexa erbgha metri jew ma nafx kemm sakemm ihoss idu mal-..*
>
> *Dr. Carina Testa : Int meta gejt infurmat li kien hemm overtaking ta' muturi ohra, staqsejt ghal liema raguni saret din l-overtaking?*
>
> *Xhud : Ma kellix ghalfejn, ma kienx hemm xi skop. Ir-raguni jafha hu ..*
>
> *Dr. Carlos Bugeja : Meta hadt il-verzjoni minghand Gabriel Baldacchino, dakinhar nofs siegha wara l-incident, inghatat l-impressjoni li l-incident sehh ghax kien hemm din l-overtaking. Naqblu li filfatt meta kellimt lil John Baldacchino fis-7 ta' Jannar wara u meta kellimt lil Gabriel Baldacchino wara, fil-15 ta' Jannar, it-tnejn iccarawlek li mhux minhabba f'hekk sehh l-incident. Jekk tara mir-rapport. Id-diskrepanza naqblu li qeghda hemm l-ewwel haga?*
>
> *Xhud : Gabriel Baldacchino qalli li wara li qabzu l-muturi gara l-incident*
>
> *Dr. Carlos Bugeja : Pero kemm wara? Minuta, sekonda*
>
> *Xhud : Jien ma qghadx nghidlu*
>
> *Qorti : Qalulek kif spicca n-naha tat-triq il-mutur?*
>
> *Xhud : Gabriel Baldacchino ma jafx ghax ma kienx qed isuq il-mutur u*

*John Baldacchino qalli li ma jafx kif[8]..”*

15. Fir-rigward tal-pożizzjoni tal-*crash barrier is*-Surġent Anthony Agius xehed li:

*“.....Dr. Carina Testa : Il-hwejjeg mal-crash barrier, meta qed nghidu crash barrier li tifred karreggjata mill-ohra jew crash barrier li tkun fit-tarf tat-triq?*

*Xhud : Fuq naha tat-triq*

*Qorti : Liema naha qeghda l-barrier?*

*Xhud : Fid-direzzjoni lejn Hal Far qeghda fuq in-naha tal-lemin. Fuq in-naha tal-airport*

*Dr. Carlos Bugeja : Id-domanda li bdiet taghmillek il-kollega hija din il-crash barrier, x’qed tifred?*

*Xhud : It-triq li sejra ghal Hal Far going and coming. Bejn it-triq u l-fence tal-airport*

*Dr. Carina Testa : Tista’ tispjega naha wahda x’hemm u n-naha l-ohra x’hemm?*

*Xhud : F’liema sens?*

*Dr. Carina Testa : Fuq genb minnhom ovvjament kien hemm il-karregjata minn fejn kien ghaddej John Baldacchino. Imbaghad kien hemm il-crash barrier*

*Xhud : Le hemm il-karreggjata li sejra Hal Far, il-karreggjata li gej minn Hal Far*

*Dr. Carina Testa : Minghajr crash barrier fin-nofs*

*Xhud : Ezatt. Hemm kurduna li twassal ghat-triq. Minn din il-kurduna sal-crash barrier li hija permanenti hemm madwar xi nofs metru ‘l gewwa*

*Dr. Carina Testa : Jigifieri din il-crash barrier mhux tifred zewg toroq?*

*Xhud : Jekk trid issejhilha bhala triq din is-service road*

*Dr. Carina Testa : Hija service road*

*Qorti : Din hija t-triq fejn joqghodu l-karozzi jharsu lejn l-ajruplani biex*

[8] *Fol.* 129 *et seq.*

*nifthemu*

*Xhud : Mhux il-karozzi, jkun hemm nies jimxu hemm*

*Qorti : Kien ikun hemm il-karozzi illum nies jimxu ....”*[9]

***Xhieda tal-Attur u Ibnu***

16. Permezz tal-affidavit, hekk kif miġbur fil-qosor mill-Ewwel Qorti, l-**attur xehed**:

> *“L-attur xehed permezz tal-proċedura ta’ affidavit1 , li ġie ppreżentat fil-5 ta’ Novembru, 2015. Huwa spjega kif nhar is-Sibt 6 ta’ Diċembru, 2014, huwa telaq flimkien mat-tifel tiegħu Gabriel Baldacchino lejn Ħal Far sabiex jiltaqa’ ma’ xi ħbieb tiegħu u ma’ ħutu wkoll Twanny u George Baldacchino. Dan kien jagħmlu kull nhar ta’ Sibt għaliex kollha kienu dilettanti tal-muturi u kienu jiltaqgħu biex joqgħodu jitkellmu hemmhekk. Huwa kien qed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Yamaha XJR 1300 u t-tifel kien passiġġier warajh. Il-konvenut iddikjara li huwa ma kienx qed isuq b’veloċità eċċessiva. Hekk kif kien qed isuq fi Vjal l-Avjazzjoni fil-Gudja u qabad it-tieni liwja, il-mutur skiddja u tkaxkar bih b’kollox għal fuq il-karreġġjata l-oħra u sab ruħu maqbud bejn il-mutur u l-crash barrier. Huwa baqa’ hekk imwaħħal għal xi sittin jew sebgħin pied u kif inqala’ induna li ma bediex iħoss id-driegħ tal-lemin. Sadanittant lit-tifel rah li ma kien ġralu xejn. Kien hemm min ċempel għall-ambulanza u din ħaditu lejn l-isptar. Hemm tawh il-loppju u l-attur seta’ jiftakar li kien ġie f’sensih it-Tlieta filgħodu fl-ITU. Il-Professur Thomas Azzopardi mar ikellmu u spjegalu li kellu ħsara kbira f’idu, iżda kienu qegħdin jippruvaw isalvawha. Il-konvenut qal li huwa kien ħareġ mill-ITU xi ftit jiem wara, iżda wara ġimgħa t-tobba kienu ħadu d-deċiżjoni li jneħħulu jdejh. Niżżluh b’emerġenza fit-theatre u l-għada qam fl-ITU mingħajr driegħu tal-lemin, u erbat ijiem wara bagħtuh lejn id-dar, iżda reġa’ daħal l-isptar għal jumejn oħra. Qal li sakemm fieqitlu l-ferita, huwa baqa’ jmur għall-kura fil-polyclinic ta’ Raħal il-Ġdid. Il-konvenut spjega li ftit wara, għal darb’oħra reġa’ sab ruħu l-Isptar hekk kif kien ħass uġigħ kbir f’sieq=u. Hemmhekk sabu li kellu trombożi u qatta’ erbat ijiem l-isptar. L-attur sussegwentement reġa lura lejn il-post tal-inċident u osserva li l-crash barriers kienu perikolużi ħafna partikolarment għal min kien qed isuq mutur u ftakar f’dak li qaltlu infermiera l-isptar li dawn kienu qishom skieken. Spjega kif hu meta kellem lill-avukat tiegħu, dan kien sab rapport dwar crash barriers jew guard rails li sejħilhom “a death trap for motorcyclists”. Dwar l-effetti tal-inċident fuqu u fuq il-familja tiegħu, l-attur spjega li dan kien ta’ xokk kbir għalihom. Huwa ma setax ikompli jagħmel ix-xogħol full-time tiegħu ta’ folder operator mal-Bestprint, iżda b’qalb tajba l-imgħallem tiegħu kien tah xogħol L aktar ħafif. L-attur kellu jaqta’*

[9] ibid

*d-delizzji tiegħu. Fil-frattemp ħajtu nbiddlet sew għaliex huwa kien lemini u għalhekk kellu jitgħallem jagħmel kollox bix-xellug. Sal-lum huwa għadu jagħmel tliet kwarti terapija biex ma jitgħawwiġx lejn ix-xellug. Kellu jixtri karozza automatic bil-prezz ta' €4,700, b'dana li skont il-K.N.P.D. kien hemm bżonn li jsir xi tibdil fil-karozza sabiex huwa ma jitlaqx idu minn fuq lis-steering wheel, u dan it-tibdil kienu sewa €1,545.50. Peress li huwa kien isostni l-familja tiegħu anki mix-xogħol tiegħu fir-razzett tiegħu u ta' ħutu, u issa dan ix-xogħol ma setax jagħmlu aktar, huwa kellu aktar spejjeż. L-attur qal li huwa kien ħallas €300 lit-tabib speċjalista, kif wkoll €1,156.40 lill-avukat tiegħu. L-attur esebixxa l-irċevuti ta' dawn l-ispejjeż kollha mal-affidavit. Spjega li t-tfal tiegħu kienu għadhom żgħar u kienu għadhom jiddependu minnu, u dan filwaqt li ppreżenta evidenza tal-introjtu tiegħu għal dawk l-aħħar tliet snin.2 L-attur esebixxa diversi dokumenti fir-rigward tal-kura tiegħu."*

17. In kontroeżami l-attur xehed:

*"Qal li l-mutur li kien involut fl-inċident inkwistjoni hu kien ilu jsuqu għal madwar għaxar snin u kien second-hand. Huwa kien ġab il-liċenzja tal-mutur meta kellu tmintax-il sena u dak iż-żmien kien beda b'lambretta u kellu inċident żgħir meta skidja fuq id-diesel. Dakinhar tal-inċident huwa kien liebes ġakketta ta' fuq il-muturi, jeans u żarbun. Spjega li huwa kien ipprova jikkontrolla l-mutur għaliex prova jsalva kemm il-mutur, lilu nnifsu u anki lit-tifel riekeb miegħu. L- attur indika bl-ittra 'X' fuq il-pjanta a fol. 141 fejn kien huwa u qabeż il-muturi l-oħra. Huwa kien rahom quddiemu meta kienu xi għoxrin jew tletin metru bogħod minnu u kienu qegħdin isuqu kemm kemm jiċċaqalqu b'xi 25 kilometru fis-siegħa.*

*Waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017, reġa' xehed in kontroeżami l-attur. Huwa kkonferma li l-muturi li kien qabeż ftit qabel l-inċident, kienu qegħdin jinstaqu f'ringiela waħda u għalhekk ma kienx hemm bżonn li joħroġ 'il barra fil-karreġġjata l-oħra. Ikkonferma li wara li kien seħħ l-inċident, huwa kien mar fuq il-post u seta' jikkonferma wkoll li l-crash barriers kienu mrikbin pjanċa fuq pjanċa fid-direzzjoni tat-traffiku. In rieżami spjega li l-muturi l-oħra fit-triq kienu mexjin tnejn tnejn wara xulxin, iżda hu dejjem baqa' fil-karreġġjata tiegħu u kien biss meta żelaq bil-mutur li mar fil-karreġġjata l-oħra."*

Ulterjorment in kontroeżami xehed ukoll:

*"Waqt l-udjenza tal-20 ta' Frar, 2019, xehed in kontroeżami l-attur prodott mill-Awtorità konvenuta.39 Ikkonferma li huwa dejjem baqa' fuq il-karreġġjata li tagħti għal Ħal Far, anki meta qabeż il-muturi l-oħra. Dawn kien qabiżhom ferm qabel ġara l-inċident u dak il-ħin huwa kien qed isuq b'xi 35 sa 45 kilometru fis-siegħa u baqa' bl-istess veloċità anki sat-tieni liwja. L-attur ma setax jgħid fuq xiex il-mutur kien skidja. Dan kien madwar mitejn metru bogħod mill-muturi l-oħra u ftit ħin forsi wkoll sekondi wara."*

18. L-attur preżenta żewġ *aerial photos,* li fuqhom indika fejn kellu l-inkontru mal-grupp ta' muturi, l-ewwel liwja u t-tieni liwja fejn skiddja l-mutur tal-attur hekk kif kien ser idur mal-liwja. Xehed li bejn l-inkontru mal-grupp ta' muturi u t-tieni liwja kien hemm mitejn metru. Hu ppreżenta wkoll ritratti li juru l-*crash barrier* fejn seħħ l-inċident u li fejn weġġa' magħha hu kien hemm *lapping* bejn *crash barrier* u oħra. Jixhed li l-*crash barrier* kienet 'il ġewwa mill-bankina[10].

19. **Xehed iben l-attur, Gabriel Baldacchino**, li qal li kien fuq il-mutur ma' missieru sejrin lejn Ħal Far u li kif waslu lejn il-*VIP area* tal-Airport kien hemm grupp muturi li qabżuhom , wara qabżu liwja fit-triq u li mat-tieni liwja l-mutur skiddja u li hu baqa' fuq il-mutur u waqa' bil-mutur b'kollox u wara rnexxielu jqum u jitfi l-mutur. Xehed li ħaseb li missieru waqa' minn fuq il-mutur għaliex ma jiftakarx kull dettall tal-mument. Wara avviċina lil missieru li kien qed jibża li tilef idu. Jgħid li hu kellu barxa f'idu u f'koxxtu u li l-mutur kellu brix u għafsa fuq it-tank. Jgħid li kienu għaddejjin bil-mod għax l-i*speed limit* kien ta' sittin. Jixhed li l-i*statement* għar-rapport tal-pulizija ttieħed l-isptar meta kien taħt xokk. Jixhed li jiftakar jaqbżu l-muturi u li ma kien hemm l-ebda moviment min-naħa tal-muturi l-oħra u li baqgħu mixjin normali sakemm skidjaw u jgħid li ħass il-mutur jiskidja ftit sekondi qabel waqa'. Jgħid li bejn il-mument li nqabżu l-

---

[10] *Fol.* 135 *et seq.*

muturi u skiddja l-mutur għadda ftit ħin. Jgħid li ma kienx qed isuq, kien passiġġier u li kien qed iżomm mal-*handle* ta' wara u li missieru kien qed iżomm l-i*steering*[11].

20. In kontroeżami xehed li:

> *"Ikkonferma li huwa kien imur spiss ma' missieru fuq il-mutur u huwa kien iżomm mal-handle bar li kien hemm taħt is-seat quddiemu. Dak il-ħin li kienu lemħu l-muturi l-oħra, ma kien hemm l-ebda vetturi quddiemhom. Dan kien ħdejn il-VIP Area fejn kien hemm l-ittra 'B' fuq il-pjanta a fol. 141, u l-muturi qabżuhom fil-parti tat-triq bejn dik l-ittra u l-ittra 'C'. Stqarr li huma ma kinux qegħdin għaddejjin b'veloċità u kollox ġara f'sekonda. In kontroeżami qal li l-mutur meta nqala' minn mal-crash barrier, baqa' miexi bix-xhud fuqu sakemm waqa', filwaqt li missieru baqa' mal-crash barrier. Huwa ma kienx tkaxkar mal-crash barrier, imma missieru iva."*

### *Xhieda ta' persuni li raw l-inċident*

21. Xehdu żewġ xhieda li raw l-inċident iseħħ:

> *"Waqt l-udjenza tat-28 ta' April, 2016, xehed* ***Sandro Bonnici****, prodott mill-attur.Ix-xhud qal li dakinhar tal-inċident, huwa kien qed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Harley Davidson fit-triq ta' Ħal Far minn ħdejn l-Ajruport. Huwa kien qiegħed f'grupp ta' ħamsa u l-veloċità tagħhom kienet ta' madwar 40 kilometru fis-siegħa. L-attur qabiżhom filwaqt li kien qed isuq b'veloċità ta' mhux aktar minn 50 kilometru fis-siegħa, iżda f'ħin minnhom, kif daħal quddiemhom u għal xi raġuni, l-attur tilef il-kontroll tal-mutur tiegħu u mar wrong side. Il-mutur qabad il-bankina mingħajr ma laqat il-crash barrier u l-attur imbeżaq għal mal-imsemmi crash barrier. Ix-xhud ikkonferma li t-tifel tal-attur kien riekeb fuq il-mutur ma' missieru. Huwa spjega dak li kienu qegħdin juru l-erba' ittri mmarkati fuq Dok. JBA2. In kontroeżami x-xhud spjega li l-attur kien ipprova jikkontrolla l-mutur, imbagħad f'daqqa waħda mar fuq il-karreġġjata l-oħra u qabad il-bankina u hu u t-tifel waqgħu minn fuqu. Il-mutur kien spiċċa madwar metru 'l barra mill-bankina u madwar tliet metri quddiem l-attur. Ma setax jgħid għal liema raġuni l-attur kien tilef il-kontroll tal-mutur.*
>
> *Waqt l-istess udjenza xehed* ***Raymond Cachia****, prodott mill-attur. Ix-xhud spjega li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed fil-grupp tal-muturi tal-għamla Harley flimkien max-xhud Sandro Bonnici. L-attur kien*

[11] *Fol.*153 *et seq.*

*qabiżhom fil-karreġġjata tagħhom stess b'veloċità ta' madwar 45 sa 50 kilometru fis-siegħa u qatagħhom b'madwar mitejn metru. Għalhekk huwa ma rax sew dak li kien ġara u kif waslu ħdejh, huwa ra lill-attur mixħut fl-art, filwaqt li l-mutur kien mal-art f'nofs it-triq bi ftit ħsara. In kontroeżami ix-xhud qal li lill-attur kien rah li kien donnu tilef il-kontroll tal-mutur u qasam għall-karreġġjata l-oħra. Ra l-mutur iġenneb viċin il-bankina mbagħad mar għan-nofs. L-attur sabu ħdejn il-crash barrier."*

22. In kontroeżami Raymond Cachia[12] xehed li l-grupp ta' muturi li kien fih, kienu qed isuqu tnejn tnejn wara xulxin, *staggered* imma mal-ġenb b'mod inklinat. Jgħid li kienu qed isuqu bl-erbgħin, li l-attur qabiżhom bil-mod u wara rah mal-art u li bejn il-mument li qabiżhom u rah mal-art kien hemm mitejn metru. Li għalkemm kien mitejn metru bogħod xorta baqa' jarah minħabba li t-triq fiha aktar minn dawra waħda u li l-attur kien għaddej bil-45 jew 50 meta qabiżhom. Jixhed li dakinhar it-triq kienet vojta u li huma naqqsu l-i*speed*. Jgħid li wara li l-attur qabiżhom biċċa sew rah imur ġol-karreġġata opposta, għall-ġol *barrier,* u li meta l-attur daħal ġol-*barrier*, it-tifel waqa' mill-ewwel u li l-mutur ħabat ġol-*barrier* u mbagħad spiċċa f'nofs it-triq.

23. Fil-waqt li Sandro Bonnici in kontroeżami xehed:

*"Qal li dakinhar tal-inċident huwa kien flimkien ma' grupp ta' sitta jew tmien Harleys u minnhom kien jaf lil Raymond. Ikkonferma li dakinhar kienu qed isuqu b'veloċità ta' madwar 40 jew 50 kilometru fis-siegħa u kienu tnejn tnejn, b'mod li kienu żewġ sekondi 'l bogħod minn ta' quddiemhom u sekonda bogħod minn dak li kien fuq in-naħa tal-lemin tagħhom. Stqarr li l-attur ma kienx jafu qabel ma ġara l-inċident. Dan kien qabiżhom bi ftit aktar veloċità minn dik li kienu qed isuqu biha huma u kien laħaq qatagħhom biċċa sew. Lill-attur rah jitlef il-kontroll tal-mutur, mar wrong side u r-rota tal-mutur qabdet il-bankina u żbilanċja, filwaqt li l-attur waqa' minn fuqu u tkaxkar għal xi tliet metri mal-crash barrier. Il-mutur waqaf xi tliet metri 'l bogħod mill-attur wara li kien waqa' wkoll it-tifel tal-attur minn fuqu."*

---

[12] *Fol.* 390 *et seq.*

**Xhieda tekniċi u rapporti rigward it-toroq u l-crash barrier**

24. L-attur ippreżenta *Press Release* datata t-22 ta' Ġunju 2015 fejn ġie ppubblikat li *Transport Malta is installing the first motorcycle strips in Malta as part of the Coast Road project*[13]*.* Din il-Press Release kienet tgħid li: *The motorcycle strips are attached to the lower part of the crash barriers. In case of an accident, motorbike riders are stopped from hitting the pillars and the lower part of the barriers. Riders usually slide along the asphalt and hit against the pillars or the edge of the barriers, with serious consequences.*

25. Fuq din il-**Press Release xehed Simon Grima, rappreżentant tal-Awtorità ntimata**[14], li qal inħarġet il-Press Release biex ħabbru l-proġett, kif inhu normali li jagħmlu entitajiet biex juru progress li jkun qed isir. B'referenza għal studju msemmi fil-Press Release li sewwieqa tal-muturi jkunu f'riskju li jitilfu ħajjithom minħabba *crash barriers,* jixhed li saret riċerka u ġabar *data*. Xehed li meta tkun iddisinjata triq jiġi studjat x'teknoloġija approvata hi disponibbli u dan biex jintagħżel kulma jintuża fit-triq, inkluż asfalt u *crash barriers*. Jgħid li meta jsir inċident mhux dejjem isir *corrective action* għaliex kull inċident għandu d-dinamika tiegħu u li huma jimxu *b'management by data* għaliex ma jistax jiġi previst

---

[13] *Fol.*183

[14] *Fol.*194 *et seq.*

kull inċident u li din hi l-prassi normali kemm Malta u barra. Xehed li tinġabar statistika kull tliet snin. Jixhed li l-Awtorità għandha strateġija tas-sigurtà fit-toroq u li jsegwu *standards* Ingliżi u *standards* tal-Unjoni Ewropea. Xehed ukoll li l-i*standards* Maltin għall-*crash barriers* huma bbażati fuq l-i*standard* Ewropej EN 1317 li kienet adottata mill-Malta Competition and Consumer Authority[15]. Xehed li ma kienx hemm *standards* Ewropej għall-*crash barriers* u li għalkemm il-Press Release jikkwota rapport tal-2008 l-Awtorità ma kinitx obbligata li timplimenta xi *standard*. B'referenza għall-Press Release u għall-proġett fil-*Coast Road* jingħad li l-Awtorità pruvat issib manifattur li jżid *biker strips* mal-*crash barrier* mingħajr ma jimmodifika l-*performance* tal-*crash barrier*, liema *performance* hi li jilqa' mill-impatt ta' xi ħaġa li ġejja skont l-angolu tat-triq, ċjoè nies u vettura, inkluż mutur. Jgħid li l-*crash barriers*, li t-terminu tagħha huwa *vehicle restrained system*, hi mibnija biex iċċedi ftit u jekk jiżdied l-i*strip* magħha din mhux ser iċċedi. Jixhed li l-iskop tal-i*strip* huwa li s-sewwieqa ma jinqabdux taħt l-*edges* u timblukkak milli tibqa' sejjer iżjed u dan għaliex f'ħafna mill-inċidenti s-sewwieq jinfired mill-mutur u jiskidja fuq l-asfalt. Xehed li l-punt tal-istrippa huwa li żżomm lis-sewwieqa tal-muturi billi timblokka l-ispazju ta' taħt il-*crash barrier*.

26. Kompla jixhed li fil-każ odjern, l-attur għeleb id-dinamika u direzzjoni u ħabat ma *crash barrier* li kienet iddisinjata għal min kien ġej

---

[15] *Fol.* 218

bil-kontra. Xehed li jsir awditjar tat-toroq u jitqiesu d-*designs*, kostruzzjoni, inċidenti li ġraw u jsiru interventi skont id-data.

27. L-**attur ressaq xhud lill-Perit Edgar Caruana Montaldo** li ppreżenta rapport fejn ikkonkluda li: *"When looking and comparing varies crash barriers installations carried out such as the Coast Road (that also include a motor cycle strip) the size of the barriers together with the location of the installation of the barriers once can come to the conclusion that the installation of the crash barrier at Hal far has not been being installed correctly with respect to minimization of injuries to the occupants of vehicles which leave the carriage way*[16]*.*

28. Hu xehed ukoll li[17]:

> *"Xhud : Meta tigi ghal crash barrier partikolari, trid tidhol f'affarijiet teknici. Jigifieri hemmhekk trid taghmel studju ta' x'tip ta' traffic, jekk huwa a single H barrier, W barrier, hemm differenti. Jigifieri inti l-ewwel skont it-traffiku tinduna x'tip ta' barrier ha taghmel. F'dan il-kaz kull ma ghamlu huwa a single W barrier. Dak huwa fuq l-ewwel punt. Fuq it-tieni punt, il-location tal-barrier, jigifieri biex naghtik ezempju fuq tal-Coast Road, il-barrier qieghed fit-tarf ezatt flash mal-bankina. Igifieri dak ikun iddisinjat ghal tal-apposta bhala location biex meta jkun hemm xi habta ikun iddisinjat f'dik is-sitwazzjoni. Fit-triq li qed nitkellmu ahna, il-barriers li jidhru fir-ritratti tieghi, qeghdin spustjati hafna lura, jigifieri l-bankina qeghda hawnhekk u l-crash barrier qeghda hawnhekk. Issa dan it-tip ta' studju trid tidhol fihom meta tkun qed tiddisinja t-triq. Meta tkun qed tiddisinja t-triq tiehu l-informazzjoni ta' x'tip ta' traffic u vehicles li jkunu ghaddejjin, l-ispeed u hemm hafna kriterji plus it-tip ta' barrier, jigifieri location, mhux it-tip ta' barrier biss anke fejn jitwahhal. Issa t-typical, mhux ha nghidlek norm imma very typical, il-crash barrier tkun flash mal-bankina. Kif qed nuri fir-ritratti hemmhekk il-crash barrier, ma nafx il-figura bl-amment imma qed jidher fir-ritratti qieghed set back u qieghed set back by quite a bit.*

---

[16] *Fol.* 305 *et seq.*
[17] *Fol.* 299 *et seq.*

*Dr. Carina Testa : Jigifieri jien qed nifhem sew li inti meta inti fir-rapport tieghek qed tghid li has not been installed correctly qed tirreferi ghall-crash barriers fis-sens ta' installazzjoni u mhux il-crash barrier per se.*

*Xhud : Fuq l-installazzjoni jigifieri l-location fejn twahhlet il-crash barrier.*

*Dr. Carina Testa : Jigifieri qed tikkonferma li l-crash barrier …*

*Xhud : Le jien qed nghid li lanqas il-crash barrier ma gie iddisinjat kif suppost. Jien qed nghid hemm zewg affarijiet. Jien qed nghid li l-crash barrier mhux qieghed addattat ghas-sitwazzjoni, this particular case, u hi mhux qeghda fil-post kif suppost.*

*Dr. Carina Testa : Int gejt infurmat dwar kif sehh l-incident?*

*Xhud : Le. Jien ghamilt rapport tekniku fuq il-crash barrier.*

*Dr. Carina Testa : Mela x'informazzjoni gejt moghti?*

*Xhud : Li kien hemm incident fuq il-post u jien mort niccekkja jekk il-crash barriers gew installati u jekk qeghdin skont l-opinjoni tieghi professjonali, jekk hux qeghdin tajjeb ghal-location u jekk hux qed jaghmlu xogholhom tajjeb.*

*Dr. Carina Testa : Gejt infurmat illi r-rikorrent kien mexa minn fuq ghall-karreggjata u gie wrong way? …*

*Xhud : Jien xoghli ghamiltu biss fuq affarijiet teknici mhux kif habat il-mutur. Naf li kien hemm incident serju ta' mutur, imma jien ma dhaltx fl-affarijiet tal-…, jien qed nitkellem fuq punt tekniku fuq l-uzu tal-crash barrier, jekk sarx id-disinjar kif suppost u jekk twahhalx kif suppost.*

*....*

*Dr. Carina Testa: B'referenza ghal dak il-crash barrier, tghidilna ghal liema direzzjoni tat-traffiku huwa iddisinjat dak il-crash barrier?*

*Xhud: Dak il-crash barrier, jekk tara r-rapport tieghi, hawnhekk gie ddisinjat ghal traffiku gej minn Hal Far sejjer lejn l-airport bhala design ghax qieghed on the x'jismu, imma fir-rapport tieghi hemm miktub x'inhuma l-uzijiet tal-crash barriers. It-three main uses ta' crash barrier qeghdin ghal to minimize injuries to the occupant to vehicles which leave the carriage way. Issa "which leave the carriage way" huma fuq both sides. Int tajjeb li qed tidhol f'certu tip ta' dettall ghax anke lapping ta' crash barriers. Inti l-lapping ta' crash barriers taghmlu fid-direzzjoni fejn ikun hemm il-main flow of traffic jigifieri dak suppost ikun iddisinjat for two ways. Issa bhala assembly, jekk tidhol fl-assembly ta' crash barrier, l-assembly tkun wahda tillappja fuq l-ohra, jigifieri d-direzzjoni tal-airport.*

*Dr. Carina Testa: Inti fir-rapport tieghek taghti tlett ragunijiet ghaliex hemm il-htiega tal-installazzjoni tal-crash barriers. Fuq liema bazi wasalt ghal dawn it-tlett ragunijiet? Qed taghmel xi referenza ghal xi studju partikolari?*

*Xhud: Various studies jigifieri barra minn Malta, l-Amerika, l-Ingilterra.*

*Dr. Carina Testa: Ghal liema studju qed taghmel referenza?*

*Xhud : Nista' niccekkjalek ezatt, imma dawn huma international knowledge. … Specifications jien qed insemmi fir-rapport jigifieri hemm tlett specifications li huma juzawhom Malta imbaghad hemm l-ahhar specification li huwa European norm li hija l-1317, dik hija partikolarment for testing and certification ghax inti tiddisinja t-tip ta' crash barrier skont l-incident li jista' jkun hemm jigifieri int mhux minn xi standard, int tara l-ispeed u tara dawn l-affarijiet kollha li semmejt u l-barrier tigi iddisinjata skont it-testing u certification.*

*Dr. Carina Testa: Fix-xhieda tieghek inti semmejt l-motorcycle strips.*

*Xhud: Iva.*

*Dr. Carina Testa: Tghidilna ghal liema raguni dawn il-motorcyles strips jigu installati? X'inhu l-iskop?*

*Xhud: Biex tipprocedi l-mutur jigifieri meta jkun hemm slide u jislajdja mutur, biex ma jidholx taht il-crash barrier.*

*Dr. Carina Testa: Gejt infurmat jekk dwar f'dan il-kaz kienx hemm slide jew le?*

*Xhud: Le ma gejtx infurmat*

29. In kontroeżami l-Perit Edgar Caruana Montalto xehed:

*"Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2018, xehed in kontroeżami l-Perit Edgar Caruana Montalto, prodott mill-Awtorità konvenuta.36 Spjega li l-crash barrier fejn seħħ l-inċident inkwistjoni ma kienx tqiegħed f'linja mal-bankina. Jekk dan jitqiegħed eżatt mal-bankina, il-korriment kellu jkun inqas u aktar kien ikun hemm possibilità li wieħed jibqa' fuq il-mutur jew jitkaxkar dritt minflok li jitkaxkar u jmiss mal-crash barrier kollha.*

*Waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2018, ġie riprodott in kontroeżami għal darb'oħra l-Perit Edgar Caruana Montalto. 37 Tenna għal darb'oħra li l-iskop ewlieni ta' crash barrier kien sabiex jitnaqqsu u mhux li jiġu eliminati l-possibiltajiet ta' korriment. Fil-każ odjern motorcycle strip ma kinitx ser tagħmel differenza. Spjega li l-crash barriers jitrikbu skont id-direzzjoni tat-traffiku u fil-każ odjern il-crash barrier kellha tkun iddisinjata għat-traffiku fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Ix-xhud qal li huwa ma kienx jaf*

*kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Spjega li l-EN1317 kien jirrigwarda l-vetturi kollha in ġenerali klassifikati bħala normali bħal muturi sa 1.5 tunnellata, intermediate sa 10 tunnellati u heavy sa 30 tunnellati. Fir-rigward tal-installazzjoni tal-crash barrier, ix-xhud irrileva li d-direzzjoni tat-traffiku kellha rilevanza. Fil-każ odjern il-crash barrier kienet saret għat-traffiku tan-naħa ta' ġewwa tat-triq u filwaqt li għamel referiment għar-rapport tiegħu, ix-xhud spjega fejn il-crash barrier kienet mibnija ħażin. In rieżami u muri r-ritratt a fol. 147, qal li fejn trikbet crash barrier fuq oħra, din ma kinitx qiegħda sew għax kienet imqabbża 'l barra u t-trikkib kellu jkun biss il-ħxuna tal-pjanċa. Tenna għal darb'oħra li ġaladarba ma kienx hemm crash barrier fin-nofs tat-triq bejn il-karreġġjati, il-crash barrier inkwistjoni kellha taħdem għaż-żewġ naħat. Dan ma setax ikun u għalhekk is-soluzzjoni kellha tkun crash barrier fin-nofs tat-triq. Irrileva wkoll li minn dak li kkonstata fuq il-post, il-crash barrier inkwistjoni kellha bżonn ta' manutenzjoni u anki xogħol sabiex taqdi aħjar il-funzjoni tagħha. Ix-xhud esebixxa żewġ dokumenti li ġew immarkati Dok. ECMM1 u Dok. ECMM2 fir-rigward tax-xogħol tiegħu fuq Triq il-Kosta."*

30. Tressaq rappreżentant tal-**Awtorità ntimata, Joseph Briffa**, li fir-rigward tal-*crash barriers* xehed:

*"Waqt l-udjenza tat-18 ta' April, 2018, xehed Joseph Briffa prodott mill-Awtorità konvenuta.34 Ix-xhud qal li huwa kien jokkupa l-kariga ta' manager ma' din l-Awtorità fejn kien ilu responsabbli sa mis-sena 2012 għall-kompilazzjoni tal-specifications fit-tenders, inkluż l-aspett tekniku relatat anki mal-korp tal-crash barriers. Huwa spjega x'ikkonstata meta mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident inkwistjoni. Qal li l-crash barriers kienu jinxtraw kif inhuma mingħand il-manifattur u dawn ikunu ċċertifikati skont l-EN1317, li daħlet hawn Malta fis-sena 2000. Spjega li l-crash barriers jitrikbu skont id-direzzjoni tat-traffiku sabiex jekk karozza tiskidja, ma teħilx max-xifer u anki f'dan il-każ il-crash barriers kienu mwaħħlin b'dan il-mod u skont is-sengħa. Qal li ma kienx hemm mod kif il-crash barriers jingħaqdu flimkien mingħajr ma jitrikbu. Ix-xhud spjega l-funzjoni ta' crash barrier u anki il-funzjoni ta' motorcyle strips li kienu saru fi Triq il-Kosta u anki f'partijiet fil-Kappara. Dawn tal-aħħar spjega li kienu intiżi sabiex f'każ ta' inċident is-sewwieq ta' mutur ma jolqotx il-partijiet vertikali tal-crash barrier.*

*Waqt l-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, ġie riprodott ix-xhud Joseph Briffa mill-Awtorità konvenuta.35 Qal li t-triq fejn seħħ l-inċident inkwistjoni, kienet saret fil-bidu tas-snin disgħin, meta normalment kienu jiġu segwiti standards Ingliżi. Fil-crash barriers moderni ma kienx hemm differenza sostanzjali fil-protezzjoni tas-sewwieq u għal protezzjoni ta' sewwieq ta' mutur kien hemm bżonn li jitwaħħal dak li jissejjaħ 'il-fardal' ta' taħt, iżda dan ma kienx mandatorju. Ix-xhud ma setax jikkonferma x'kienu l-iskopijiet li għalihom twaħħlu l-crash barriers fit-triq fejn seħħ l-inċident inkwistjoni.*

*Waqt l-istess udjenza xehed ukoll in kontroeżami Joseph Briffa44, prodott mill-attur. Ikkonferma li crash barrier f'nofs it-triq setgħet tkun soluzzjoni sabiex persuna ma taqsamx għan-naħa l-oħra u tmur kontra t-trikkib tal-crash barrier, iżda jkun hemm bżonn l-ispazju għaliha u anki li jitnaqqas il-wisgħa tal-karreġġjata."*

31. Ġie **nkarigat l-espert forensiku fil-kolliżjonijiet PL Mario Buttigieg** bħala espert *ex-parte* mressaq mill-Awtorità ntimata. Din il-Qorti rat li l-PL Buttigieg ħejja rapport preżentat nhar it-12 ta' Lulju 2019, li aktar tard ġie emendat wara eżami tax-xhud. Permezz tar-rapport addizzjonali l-espert *ex-parte* kkonkluda li[18]:

*"...Illi wara li l-esponent reġa eżamina il-każ u skont ma xehed John Baldacchino u xi motoċiklist oħrajn li kienu xhieda okkluari tal-inċident irriżulta li Baldacchino kien qed issuq il-mutur tiegħu ta' għamla Yamaha mudell XJR 1300 li għandu n-numru tar-reġistrazzjoni GAN-130 b'veloċita ta' madwar bejn wieħed u ħamsin (51kfs) kilo metru fis-siegħa sa tnejn u sittin (62 kfs) kilo metru fis-siegħa. Illi ħareġ manifestament ċar li sabiex vettura jew mutur tiskidja wieħed irrid iddur mal-liwja, b'veloċita ta' aktar minn seba' u sebgħin (77kfs) kilo metri fis-siegħa. Intant kif Baldacchino kien qed issuq bl-imsemmija veloċità u hu kien qed jimmanuvra il-liwja tilef il-kontrl tal-mutur. Mhux magħruf għalfejn Baldacchino tilef kontrol tal-mutur tiegħu meta skont hu kellu esperjenza kbira fis-sewqan tal-muturi, waqt li dak in-nhar it-temp kien wieħed tajjeb l-aċċess u ċar u minn dak l-att il-visibilita kienet tajba wkoll, jidher ukoll li ma kien hemm l-ebda tip ta' żlieq fil-wiċċ ta triq.*

*Illi sabiex l-esponent wasal għal konklużjoni tal-veloċita hu għad biss fuq dawk li skont huma raw l-inċident..."*

32. Wara li reġa' sar aċċess fuq il-lok tal-inċident, ikkonkluda li:

*"....Minn kalkoli xjentifiċi irriżulta li Baldacchinio kien qed issuq il-mutur tiegħu b'veloċità minima ta' tmienja u sebgħin (78) kfs kilo metri fis-siegħa. Illi l-veloċità permissibbli f'dik l-erja minħabba l-liwja hi dik ta' sebgħa u sebgħin (77) kfs kilo metru fis-siegħa. Għaldaqstant jekk John Baldacchino ma niżilx kif suppost kellu jinżel ma kien hemm l-ebda alternattiv ħlief li jitlef il-kontrol tal-mutur..[19]"*

[18] *Fol.*604 *et seq.*
[19] *Fol.* 619

33. Fil-kontroeżami ulterjuri, l-espert Mario Buttigieg xehed[20]:

*"..Xhud : Sewwa. Jien x'qed nghid? Fl-ewwel rapport tieghi jien kont stabbilejt b'kemm mutur irid jghaddi biex ma jitlifx il-kontroll. Issa l-velocita massima hi ta' 77 hux ghidt …*

*Dr. Abigail Critien : Jigifieri d-differenza qieghda bejn 77 u 78.*

*Xhud : Iva dik. Gja la darba wiehed ikun ghaddej iktar mela allura ha jitlef il-kontroll b'karozza. Issa mutur x'ghandu favur tieghu? Mutur jista' jzied il-velocita' pero jrid jinzel mal-liwja favur l-inklinatura tat-triq. Issa jekk dan ma saritx jew mill-motociklist jew anke l-perian rider u xi hadd jitfa' s-centre of gravity fuq in-naha l-ohra mela l-mutur ha jitlaq minn taht il-mutur. Ghalfejn qed nghid minimu? Qed nghid minimu ghax jien ma stajtx niehu in konsiderazzjoni l-impatt li kien hemm bejn il-mutur u l-crash barrier. Wiehed, is-Sur Anthony Baldacchino qal li meta gabar il-mutur, il-head lamp kien inqala' minn postu …*

*Dr. Abigail Critien : Dan waqt l-access.*

*Xhud : Waqt l-acces. Kien inqala' minn postu u rega' ra lil huh li jekk mhux sejjer zball huwa imsiefer kien qed jipprova jwahhal il-head lamp mal-mutur. Jigifieri dan jindika li kien hemm certu impatt li bilfors ried jaccedi dik il-velocita' ta' 79 km/hr …*

*Dr. Abigail Critien : 77 jew 78.*

*Xhud : Mela 78.*

*Dr. Abigail Critien : 78 il-velocita illi …*

*Xhud : … minima, ghalhekk ghidt minima ghax jien ma nistax niehu in konsiderazzjoni l-impatt li sehh mal-habta bejn il-crash barrier u l-mutur ghax ma kontx hemm prezenti u ma stajtx nara l- project tiles kemm taru 'l boghod ghax kienu naf kemm taru 'l boghod ukoll kont anke nohrog ir-rizultat attwali tal-velocita' ta kemm kien ghaddej.*

*Dr. Abigail Critien : Pero certament il-mimimu huwa 78.*

*Xhud : Iva.*

*Dr. Carlos Bugeja: Kemm mar il-mutur il-boghod, dan kollhu li ghidtilna, naqblu li jiddependi wkoll mill-anglu ta kif habat il-mutur …*

*Xhud : Ghalhekk hadt in konsiderazzjoni …*

*Dr. Carlos Bugeja : Mhux l-arblu tal-mutur qabel, kif habat mal-crash barrier.*

---

[20] *Fol.* 612 *et. seq.*

*Xhud :Ghalhekk anke jiena dahhalt l-angalatura. Infatti ghandek l-ewwel kalkolu hija 95 km/hr, kieku mexa dritt imma peress li dan ha an angle …*

*Dr. Carlos Bugeja : Pero l-angle li ha minn fejn gibtu?*

*Xhud : Ghax imbaghad ikkalkulajt fuq il-post fuq l-access ghax ghalhekk ghamiltu dak …*

*Dr. Carlos Bugeja : Imma naqblu li kieku l-mutur dahal dritt head on mal-crash barrier ma kienx ha jmur il-boghod?*

*Xhud : Le infatti ma marx 'l boghod ghax b'kollox mexa xi 64 metres.*

*Dr. Carlos Bugeja: Issa l-anglu ezatt ta kif il-mutur habat mal-crash barrier, dak ma stajtx tistabbillih.*

*Xhud : Le ma stajtx. Jien hemmhekk ma kontx, il-mutur ma rajtux, il-barrier is-sieq ma rajtix damaged.*

*Dr. Carlos Bugeja : Int hdimt bil-limiti …*

*Dr. Abigail Critien : U fuq dak li gie indikat lilek waqt l-access.*

*Xhud : Dejjem hux..."*

***Xhieda Oħra***

34. Xehdu Twanny Baldacchino[21] u George Baldacchino, ħut l-attur, li t-tnejn xehdu li l-mutur inżamm minnhom u li jumejn wara l-inċident marru fuq il-post tal-inċident u nnutaw demm mal-*crash barrier* u l-pilastri ta' taħt u l-barrier fejn seħħ l-inċident kienet f'kundizzjoni ħażina, maqtugħin bil-*cutter,* jgħidu qishom bl-addoċċ, u t-truf qishom sikkina u bejn ġonta u oħra, hemm spazju. Xehdu li ħajjet ħuhom inbidlet kompletament. Fil-kontroeżami ġie miżjud li l-mutur kellu fanal imkisser, *silencer* migruf,

[21]*Fol.* 171 *et seq* u *Fol.* 180 u *Fol.*181

daqqa fit-tank, indikatur imkisser, brix fis-*silencer* però kien jinstaq[22]. Intqal li l-ħadid tal-*crash barrier* kienu mrikkbin fuq xulxin u mhux issikkati u hemm fejn jidħol saba' u partijiet minnhom maqtugħin *rough*.

***Debilità permanenti***

35. Konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur tilef idu l-leminija u skont il-*Case Summary* tal-perjodu li kien rikoverat fl-Orthopeadics Ward 1 ġewwa Mater Dei: "*disarticulation of the right arm was performed on 13/12/14 in liasion with the vascular and plastic surgery team"*[23]*.* Skont rapport mediku preżentat mill-attur u preparat minn Massimo Abela MD MSc FRCSEd FRCS (Glasg) (Tr & Orth) Orthopaedic and Trauma Surgeon[24]: ".. *As a result the right upper limb had to be amputated (disarticulated) at the level of the shoulder...The situation has been made worse by the fact the he has lost his dominant upper limb... I rate Mr John Baldacchino's rate of permanenti disability at 60% (sixty percent)*. Din il-Qorti rat ukoll li skont dan ir-rapport "*..Mr Baldacchino was fitted with a prosthetic limb, however, he is finding it difficult to cope with it and as such will require some modifications.".* Fix-xhieda tiegħu Mr Massimo Abela xehed li biex wasal għall-persentaġġ ta' debilità permanenti huwa bbaża dan fuq l-esperjenza tiegħu, kotba u l-American Guidelines of

[22] *Fol.*417 *et. seq.*
[23] *Fol* 11
[24] *Fol* 13. *et seq.*

Permanent Disability.[25]

36. Xehdet it-Tabiba Dr Rosemarie Vella Baldacchino[26], li kienet parti mill-*firm* ta' tobba li ħadu ħsieb lill-attur ġewwa Mater Dei li qalet s-sitwazzjoni kienet gravi, li bdew jipprovaw isalvawlu idu għaliex din kienet ser tmut u li kien ikun fatali għall-attur li kieku ma saritx l-amputazzjoni. Xehed ukoll il-konsulent Mr Thomas Attard[27].

37. Ġie nkarigat l-espert mediku Mr Raymond Gatt[28] biex jeżamina lill-attur u jirrelata fuq il-konsegwenzi tal-inċident, l-istat ta' saħħa tal-attur u jekk sofriex debilità permanenti u l-grad tal-istess. Mr Gatt ukoll ġie għall-konklużjoni illi l-attur sofra debilità permanenti ta' 60% u dan wara li eżamina lill-attur fit-30 ta' Novembru 2016.

38. Tressqu wkoll xhieda li xehdu fuq spejjeż li għamel l-attur minħabba l-inċident.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

39. Permezz tal-appell l-Awtorità ntimata *qua* appellanta tressqu ħames aggravji li jirrelataw mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u l-likwidazzjoni ta' danni.

---

[25] *Fol.* 287 *et seq.*
[26] *Fol.* 189 *et seq.*
[27] *Fol.* 277 *et seq.*
[28] *Fol.* 208

40. Tenut kont in-natura tal-aggravji, din il-Qorti ser tindirizza l-ewwel erba' aggravji kollettivament *stante* li dawn jirrelataw mal-akkadut u r-responsabbiltà tal-istess.

41. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanta tilmenta illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni legali żbaljata lir-rapport redatt mill-PL Mario Buttigieg, imressaq bħala espert *ex-parte* tal-intimata u dan peress li l-Ewwel Qorti għaqdet il-kwistjoni tal-veloċità li kien għaddej biha l-attur appellat, anke jekk dan qatt ma ġie stabbilit, mal-punt xjentifiku fejn wieħed bilfors jitlef il-kontroll tal-mutur tiegħu. Tgħid li l-Ewwel Qorti donnha fehmet illi l-espert stabbilixxa li l-attur kien qabeż il-veloċità b'1 kfs (1kfs aktar minn 77kfs sabiex laħaq 78kfs); dan però mhux dak li kkonkluda l-espert. L-espert ma setax jistabbilixxi l-veloċità li biha kien għaddej l-attur u dan minħabba t-trapass taż-żmien, in-nuqqas ta' skizz u n-nuqqas ta' nkjesta a *tempo vergine* però l-espert stabbilixxa li l-attur eċċeda l-veloċità massima li wieħed jista' jasal mingħajr ma jitlef il-kontroll meta wieħed qed idur mal-liwja u kien proprju għaliex eċċeda l-veloċità massima ta' 77kfs li l-attur tilef il-kontroll. Dan hu l-punt kardinali li sfuġġa lill-Ewwel Qorti. Iżżid li dak li jgħid l-espert hu li fil-mument li l-veloċità ta' 77kfs tinqabeż jintilef il-kontroll, ikun kemm ikun l-eċċess. Dan speċjalment fil-każ odjern fejn ma kienx hemm ċirkostanzi oħra bħal żejt fit-triq jew kien temp ħażin.

42. Tkompli li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll meta kkonkludiet li l-attur ma kienx għaddej b'veloċità sfrenata u dan għax toqgħod fuq l-interpretazzjoni żbaljata li l-attur qabeż il-veloċità permissibbli b'kfs, fuq xhieda parzjali tal-attur stess u ta' ibnu, li l-mutur ma tantx kellu ħsarat u li l-i*speed limit* fit-triq kien ta' 80kfs meta dan kien ta' 60kfs. Anqas l-attur ma jaqbel li seta' jsuq bit-80kfs u fil-fatt seta' jsuq biss sas-60kfs.

43. Targumenta li għalkemm l-Ewwel Qorti tat kredibbiltà lix-xhieda mressqa mill-attur, l-Ewwel Qorti injorat fatturi li jxejnu dik l-istess kredibbiltà u dan għaliex anqas l-attur ma ta l-istess verżjoni fir-rigward tal-veloċità li kien għaddej biha u dan għaliex fix-xhieda daqqa jgħid li kien qed isuq bil-50kfs, daqqa bil-45kfs u daqqa bit-30kfs u li hemm nuqqas ta' kredibbiltà meta wieħed jikkonsidra l-verżjonijiet konfliġġenti u dak konkluż mill-espert. Jekk dan ma kienx biżżejjed l-Ewwel Qorti kellha tistabbilixxi li l-appellat kien għaddej b'veloċità qawwija fil-ħin tal-inċident u kellha tagħti piż lill-verżjonijiet meħuda *a tempo vergine.* Targumenta li l-fatt li l-mutur ma ġarrabx ħsarat kbar ma għandu l-ebda ness mal-veloċità li kien għaddej biha l-attur. Tisħaq li l-Ewwel Qorti skartat li fil-*Current Incident Report* ġie rrapportat li l-mutur skiddja distanza ta' 25 metru mal-bankina, li juri li l-ewwel impatt ħadu l-appellant mhux il-mutur u li l-mutur tant dam jiskidja illi l-mutur tilef ħafna mill-enerġija fit-tul tal-metri u b'hekk il-ħsarat kienu minimi iżda l-Ewwel Qorti ma tagħmel l-ebda referenza għall-fatt li l-attur baqa' jitkaxkar bil-mutur għall-ċertu ħin twil.

44. L-Awtorità terġa tagħmel l-argument li kemm iben l-attur fix-xhieda tiegħu u kemm l-espert Mario Buttigieg jikkonfermaw li l-limitu tal-i*speed* kien ta' 60kfs u mhux 80kfs. Konsegwentement kienet żbaljata l-Ewwel Qorti fil-konklużjonijiet tagħha li l-attur ma kienx qiegħed isuq b'mod eċċessiv u dan għaliex l-Ewwel Qorti għamlet il-kalkoli tagħha fuq il-limitu ta' veloċità żbaljata. Tisħaq li l-attur ma kienx qiegħed isuq bid-diliġenza neċessarja kif jargumenta l-attur. Li billi l-attur ma jiftakarx dak li seħħ, ma jfissirx li l-attur ma jaħtix għall-inċident u dan għaliex l-unika ċirkostanza li kien hemm li setgħet waslet għall-inċident kienet il-veloċità li saq biha l-attur u wara li pprova jsalva l-mutur l-impatt ħadu fuqu.

45. **L-attur appellat wieġeb** li l-Ewwel Qorti kienet kawta u dan għaliex l-espert imqabbad kellu jaħdem b'diversi limitazzjonijiet biex jipprepara r-rapport tiegħu, fosthom li ma tkellimx max-xhieda, ma kellux skizz fuq xiex jimxi u lanqas seta' jara marki tat-*tyres* u li anqas saret inkjesta u li mar fuq il-post l-ewwel darba fl-2019 u ċjoè 4 snin wara l-inċident. Jgħid li dan ma għandux jitfa' dawl fuq il-kapaċitajiet tal-espert għaliex inizjalment l-espert kien mogħti informazzjoni limitata biex iħejji r-rapport tiegħu li wasslitu għall-konklużjoni li l-attur kien qed isuq b'170 kfs, figura stratosferika, biex wara rrikonoxxa l-iżball u wasal għall-konklużjonijiet oħra, li madankollu xorta huma ipotetiċi u limitati minħabba ċ-ċirkostanzi. Jargumenta li l-Qorti għandha tistrieħ fuq min ra l-inċident, ċjoè s-

sewwieqa parti mill-grupp tal-muturi, li fuq kollox ma kellhomx raġuni l-għala jigdbu għaliex ma kienux jafu lill-attur. Li mill-provi joħroġ ċar li l-attur kien kawt fis-sewqan tiegħu, speċjalment meta qabeż lill-grupp muturi u li kuntrarju għall-argumenti li tipprova tagħmel l-intimata ma teżisti l-ebda prova li l-attur kien qed isuq b'xi veloċità sfrenata u anqas li x-xhieda tal-attur ma kinitx kredibbli.

46. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanta tħossha aggravata bil-fatt li l-Ewwel Qorti warrbet kull forma ta' prova li turi u tattribwixxi kull responsabbiltà lill-attur, inkluż li xhieda ewlenin taw verżjonijiet differenti tal-każ. Tagħmel referenza għall-fatt illi iben l-attur ibiddel il-verżjoni li ta lill-pulizija tant li r-rapport ġie aġġornat biex il-verżjoni ta' iben l-attur, Gabriel Baldacchino, li nforma lill-pulizija li l-inċident ma kienx seħħ għaliex l-attur qabeż lill-grupp ta' muturi li hemm quddiemu. Tisħaq li l-bdil fil-verżjoni tqajjem diversi mistoqsijiet fuq id-dinamika tal-inċident u l-punt li fih l-attur tilef il-kontroll u tistaqsi l-għaliex l-Ewwel Qorti anqas biss tirreferi għal din il-kwistjoni u ma tatha l-ebda piż. Li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata li ma tatx piż lill-verżjoni *a tempo vergine* u li l-verżjonijiet mogħtija mill-attur waqt il-mori tal-kawża kienu ferm differenti u infatti nbidlu 3 darbiet u dan juri li ma hemmx qbil rigward kif seħħ l-inċident. Li anke jekk Gabriel Baldacchino kellu xokk fuqu dan ma jwasslekx biex tbiddel il-verżjonijiet biex tittenta tagħlaq il-*gaps* fl-istorja.

47. **L-attur appellat wieġeb** li l-*overtaking* li għamel l-attur tal-grupp muturi ma għandu x'jaqsam xejn mal-inċident u dan għaliex l-inċident seħħ mitejn metru wara li sar l-*overtaking.* Jisħaq li sal-lum ma tressqet l-ebda spjegazzjoni l-għala l-attur tilef drieghu u ibnu ma ġralu xejn u l-ebda raġuni l-għala l-Awtorità għandha tiġi skulpata.

48. Permezz tat-**tielet aggravju** l-Awtorità tilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata li attribwiet ir-responsabbiltà lill-intimata minħabba li l-*crash barriers* huma limitati għaliex jipproteġu biss lis-sewwieqa li jkunu ġejjin fl-istess direzzjoni tal-*overlapping* u ma jipproteġux lis-sewwieqa li ġejjin min-naħa opposta tat-triq. Din il-konklużjoni però hija biss attentat mill-attur biex jgħatti l-fatt li kien għaddej b'ċertu veloċità. L-Ewwel Qorti kkonkludiet illi l-mod kif huma installati l-*crash barriers* u ċjoè l-*overlapping* tagħhom hu ta' dannu għas-sewwieq ġej minn direzzjoni opposta. Madankollu l-Ewwel Qorti ma tgħidx x'kellha tagħmel l-Awtorità fiċ-ċirkustanzi, u dan għaliex ma jeżistux *crash barriers* li m'għandhomx *overlapping* u konsegwentement f'xi direzzjoni jridu jsiru u b'din il-konklużjoni allura l-Ewwel Qorti qed tgħid li ma għandha tiġi nstallata l-ebda *crash barrier* u dan għaliex ma hawn l-ebda *crash barrier* sħiħa li ma jkollha l-ebda *overlapping*. Li b'referenza għax-xhieda ta' Joseph Briffa l-*overlap* ta' bejn *beam* u *beam* tkun skont id-direzzjoni tat-traffiku, tisħaq li anke l-Perit Edgar Caruana Montalto kkonferma li l-*overlapping* in kwistjoni kien tajjeb.

49. Targumenta li l-*overlapping* ma jistax isir kontra d-direzzjoni tat-traffiku u dan għaliex jekk jiġri inċident il-vettura nkluż muturi jispiċċaw jaħbtu mal-*overlapping* tal-*crash barrier* kontra d-direzzjoni tiegħu. Tisħaq li anke r-rappreżentant tagħha xehed li l-boltijiet ikunu *rounded edged* biex kemm jista' jkun ma jkunux ta' periklu. Li l-Ewwel Qorti skartat ukoll li peress li fiċ-ċirkostanzi odjerni, l-attur spiċċa fuq in-naħa l-oħra tat-triq, mill-*barrier* kien jesiġi '*performance'* li mhux l-iskop tagħha.

50. Tgħid li l-Ewwel Qorti tattribwixxi r-responsabbiltà tal-inċident lill-Awtorità għaliex ikkonsidrat li mhux *good practise* li *crash barrier* tkun 'il ġewwa mill-bankina u mhux *flash* mal-kurduna. L-Ewwel Qorti warrbet il-provi konkreti ta' kif għandhom ikunu pjanati u nstallati l-*crash barriers*. Tgħid li hemm żewġ *school of thoughts* u li l-għażla bejniethom għandha tiddependi mit-triq partikolari u b'hekk l-għażla li għamlet l-Awtorità kienet korretta u li qdiet l-obbligi tagħha b'mod korrett u mxiet mal-i*standards* stabbiliti. Tisħaq li f'dan il-każ it-triq għandha *lighting masts* li ttieħdu in konsiderazzjoni. Li l-Ewwel Qorti ma qisitx il-fatt li l-Awtorità nstallat il-*crash barriers* u li dan għamlitu skont in-neċessitajiet tat-triq. Li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx il-limitazzjonijiet tat-toroq Maltin bħal li mhumiex dritti u anqas wisgħin biżżejjed.

51. Targumenta wkoll li l-argument li għamlet l-Ewwel Qorti li donnu kellha tiġi nstallata *crash barrier* f'nofs it-triq hi kontradittorja għaliex jekk

l-Ewwel Qorti qed tinsisti li l-*overlapping* għandu jsir f'direzzjoni waħda, bla ma tispjega kif ser isir, tibqa' wkoll il-mistoqsija ta' kif ser isir l-*overlapping* f'każ li titqiegħed *crash barrier* ta' dan it-tip. Terġa' tinsisti li ma tistax tinstalla *barriers* li jmorru kontra direzzjoni tat-traffiku. Tgħid li *crash barriers* installati mill-Awtorità jiftħu iżjed *in linea* mal-obbligi tal-Kapitolu 499, artikolu 7(h).

52. Tisħaq li ironikament l-espert imressaq mill-attur jgħid li missu kienet imwaħħla *motorcycle strip* madankollu fl-istess ħin jgħid li din mhux neċessarjament kienet ser tħalli xi effett pożittiv. Tghid li l-Ewwel Qorti skartat ġurisprudenza b'ċirkostanzi simili għal dak tal-każ odjern u li l-Ewwel Qorti njorat li l-appellant kien għaddej b'veloċità qawwija u ma kienx liebes ħwejjeġ adattati u li l-Awtorità intimata installat il-*crash barrier* skont is-sengħa u l-arti.

53. Fil-każ odjern l-Awtorità ma kellha l-ebda informazzjoni li l-*crash barrier* ma kinitx *fit for purpose* u anqas kellha informazzjoni li b'xi mod seta' wassal lill-Awtorità tbiddel il-*crash barriers*. Dan kollu jiskolpa lill-Awtorità ntimata għax juri kemm l-Awtorità qdiet id-doveri tagħha.

54. **L-attur *qua* appellat wieġeb** li l-perit prodott mill-attur ta soluzzjoni u ċjoè li d-*design* u l-post tal-*barrier* huma għaż-żewġ naħat mhux għall-naħa waħda u li jekk ma jkollokx ringiela *barriers* fin-nofs għandu jkollok

*barrier* li taħdem għaż-żewġ naħat. Jargumenta li dan xehdu wkoll ir-rappreżentant tal-Awtorità ntimata Joseph Briffa, meta xehed li jekk titlob *performance* mill-*crash barrier* sejra fid-direzzjoni opposta din tkun xi ħaġa perikoluża u li s-soluzzjoni tkun li tinbena *barrier* f'nofs it-triq.

55. Ikompli jargumenta illi l-argument magħmul mill-Awtorità li *barrier* fin-nofs tipperikola l-ħajja tan-nies li jkunu għaddejjin ma tagħmel l-ebda sens għaliex kull *crash barrier* ikollha żewġ naħat kontra xulxin bl-*overlapping* isir skont in-naħa fejn sejra t-triq u allura ma għandux għaliex ikun hemm dik id-diffikultà prospettata mill-Awtorità appellanti. Ikompli jargumenta illi l-inġinerija tal-*crash barrier* ma tagħmilx sens u dan għaliex mhux *flash* mat-triq u dan ifisser li qabel mas-sewwieq jiġi milqugħ mill-*crash barrier* ikun diġà ħabat mal-bankina. Jargumenta li kif xehed ħu l-attur, il-*crash barrier* kienet pied u nofs il-ġewwa mill-bankina. Jagħmel referenza għal dak li xehed il-Perit Caruana Montalto li fil-każ odjern il-*barrier* ma twaħħalx *flash* mal-kurduna u li kieku kienet imwaħħla *flash* mal-kurduna, jekk xi ħadd jaqa' jaħbat eżatt ġol-*motorcycle strip* u li fil-każ odjern il-*barrier* ma kinitx *flash* li kienet tkun ħafna aħjar.

56. Jagħmel referenza għax-xhieda ta' Joseph Briffa fejn xehed li jekk mutur jew karozza jaħbat mal-*curb* ser ikun hemm effett u li mutur huwa iżgħar minn vettura u allura effett ikun akbar u li l-*barriers* 1317 huma ddisinjati għall-karozzi mhux għall-muturi u li peress li l-*crash barrier* hi mwaħħla 'l ġewwa mal-bankina, il-mutur waqa' u ġie fuq il-*crash barrier*.

Xhud li ra l-inċident iseħħ xehed li l-mutur miss mal-bankina u żbilanċja u rah jaqa'. Jargumenta li huwa kkontestabbli li l-*crash barrier* hi mibniha 'l ġewwa mill-bankina.

57. Permezz tar-**raba' aggravju** l-appellanta tisħaq li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni żbaljata meta kkonkludiet illi l-appellat ma kienx responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża. Li ġie eskluż li kien hemm ċirkostanzi oħra li wasslu għall-inċident: (i) ma kienx hemm materjal jew żejt fit-triq (ii) l-art ma kinitx imxarrba (iii) il-mutur ma kellux ħsara qabel l-inċident (iv) il-mutur ma ħabat mal-ebda vettura oħra. Dan juri li l-unika raġuni l-għaliex seħħ l-inċident kien għaliex l-attur tilef il-kontroll tal-mutur minħabba l-veloċità li kien qed isuq biha. L-Ewwel Qorti skartat dawn il-fatturi *oltre* li tat interpretazzjoni ħażina lir-rapport tal-espert Mario Buttigieg u warrbet ukoll il-kunċett li l-attur kellu wkoll jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li kellu passiġġier miegħu u dak li qal l-espert Mario Buttigieg fir-rigward ta' kif wieħed jiġġestixxi mutur meta jkollu passiġġier miegħu.

58. L-appellanta terġa' targumenta li l-attur tal-anqas beda jsuq b'veloċità ta' 78kfs u li naqas milli jieħu prekawzjonijiet neċessarji bħal li jilbes tgħammir protettiv.

59. L-attur appellat wieġeb li l-iskop ta' dan l-aggravju mhux ċar u li hu mibni fuq is-suppożizzjonijiet u li min jallega jrid jipprova u kważi permezz

ta' dan l-aggravju l-appellanta tittenta tgħid li l-inċident seħħ tort tal-attur għax ma kienx liebes ħwejjeġ protettiv u dan l-argument sar biex toskura r-responsabbiltà tal-appellanta. Jisħaq li l-Awtorità abdikat mill-irwol tagħha meta ma faslitx politika dwar il-*crash barriers.*

60. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "...Fir-rikors maħluf tiegħu l-attur jippremetti li huwa sofra ġrieħi gravji u serji fuq il-persuna tiegħu bħala konsegwenza tat-tip, l-għamla, il-pożizzjoni u/jew l-istat tal-crash barriers li kien hemm fi Vjal l-Avjazzjoni, il-Gudja, meta fis-6 ta' Diċembru, 2014, huwa tkaxkar mal-crash barriers hekk kif waqa' minn fuq il-mutur tiegħu. Għalhekk il-provi tiegħu huma l-aktar dwar in-nuqqas ta' sigurtà, anzi l-perikolu, li dawn il-crash barriers jipprovdu lil sewwieq ta' mutur, u qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-Awtorità konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni u għall-ispejjeż l-oħra sofferti minnu bħala konsegwenza tal-inċident.
>
> L-Awtorità konvenuta tilqa' billi tgħid li hija ma kellha l-ebda ħtija għall-akkadut, filwaqt li teċċepixxi wkoll li l-crash barriers inkwistjoni huma skont lis-standards u l-ispeċifikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u huma installati skont is-sengħa u l-arti. Tikkontendi li l-inċident inkwistjoni seħħ biss konsegwenza tat-traskuraġni, l-imprudenza u n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tal-attur. Għalhekk l-Awtorità konvenuta ressqet il-provi li tinsisti huma xhieda tal-fatt li l-crash barriers huma konformi mal-istandards imsemmija. B'dana li ressqet ukoll provi oħra in sostenn tal-allegazzjoni tagħha li r-responsabbilità tal-inċident inkwistjoni kienet biss tal-attur, li kien qed isuq b'veloċità eċċessiva, u l-Qorti ser tibda billi tikkonsidra jekk kienx proprju minnu dak li qed tallega l-Awtorità konvenuta. Iżda il-Qorti mill-ewwel tgħid li mill-kalkolazzjonijiet magħmula mill-espert ex parte l-P.L. Mario Buttigieg, inkarigat mill-istess Awtorità konvenuta sabiex jistabbilixxi l-veloċità attwali tal-attur qabel ma tilef il-kontroll tal-mutur tiegħu, ma tirriżulta l-ebda veloċità sfrenata:
>
> > *"Minn kalkoli xjentifiċi irriżulta li Baldacchino kien qed issuq il-mutur tiegħu b'veloċità minima ta' tmienja u sebgħin (78kfs) kilometri fis-siegħa. Illi l-veloċità permissibli f'dik l-area minħabba l-liwija, hi dik ta' sebgħa u sebgħin (77kfs) kilometru fis-siegħa."*
>
> Anki jekk din il-Qorti taċċetta li l-attur kien qed isuq bis-78kfs, hija ma taqbilx mal-espert ex parte li kilometru aktar fis-siegħa kellu jwassal għat-telfien tal-kontroll tal-mutur. Tqis li l-espert ex parte seta' biss jasal għal din il-konklużjoni jekk jiġu meħudin inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti għall-inċident, proprju kif ser tagħmel il-Qorti, filwaqt li mix-xhieda tal-espert ex parte ma jirriżultax li huwa fil-fatt għamel dan.
> Jirriżulta li l-attur kellu mill-inqas erbgħin sena esperjenza jsuq il-muturi,

u riekeb warajh kellu lil ibnu Gabriel li dakinhar tal-inċident kellu sbatax-il sena. Għalkemm dawn il-provi ma jistabbilixxu l-ebda stat ta' fatt, iżda din il-Qorti qiegħda tagħtihom id-debita konsiderazzjoni meta ser tqis jekk l-attur għandux jaħti għall-inċident inkwistjoni, bħala riżultat ta' veloċità eċċessiva u traskuraġni. Imma ma jirriżultax li l-attur kien qed isuq b'veloċità ta' aktar minn 80 kfs , għax saħansitra l-espert ex parte fir-rapport tiegħu jgħid li l-veloċità tiegħu kienet ta' 78 kfs. It-tifel tal-attur in kontroeżami kkonferma li ma kinux qegħdin isuqu b'veloċità qawwija , u x-xhieda okkulari tal-inċident jistqarru li l-attur kien qed isuq bil-galbu, b'mod li saħansitra meta qabeż il-grupp ta' muturi, huwa baqa' fl-istess karreġġjata. Huma qalu wkoll li l-attur kien qed isuq b'veloċità massima ta' 50kfs, jiġifieri dak li jsostni l-attur fl-affidavit tiegħu. Sandro Bonnici, li kien wieħed mis-sewwieqa minn grupp ta' xi sitta jew tmien muturi li raw l-inċident iseħħ aktar 'il hemm quddiemhom, mistoqsi in kontroeżami mill-Awtorià konvenuta jekk l-attur kienx qed isuq b'iktar minn 50kfs, xehed li "ma naħsibx li kien il-każ." Sieħeb dan ix-xhud, Raymond Cachia, li kien ukoll qed isuq mutur fl-istess grupp, ikkonferma dan u qal li fil-mument li qabiżhom, l-attur kien qed isuq b'xi 45kfs jew 50kfs, filwaqt li huma naqqsu l-veloċità sabiex b'hekk l-attur qatagħhom b'madwar mitejn jew tliet mitt metru. 54 Ix-xhud l-ieħor Sandro Bonnici in kontroeżami, filwaqt li stqarr li hu ma tantx kien jaf jagħmel kalkolu eżatt, ikkonferma li l-attur kien madwar tletin metru 'l bogħod minnu meta seħħ l-inċident u dan ukoll billi spjega li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni d-distanza mill-ewwel sewwieq sal-aħħar sewwieq għalkemm huwa ma setax jiftakar fejn kien fil-linja ta' sewwieqa ta' madwar sitta jew tmienja. Din il-Qorti tqis li l-ħsarat żgħar fuq il-mutur ukoll juru li dak il-ħin tal-inċident l-attur ma setax kien għaddej b'veloċità sfrenata, b'mod li r-responsabbilità tal-inċident jew parti minnha għandha tiġi attribwita lilu. Il-'Current Incident Report' maħruġ mill-Pulizija jgħid hekk dwar il-ħsarat li ġew osservati mill-ex-PS 1386 Anthony Agius meta dan mar fuq il-post tal-inċident:

> "It sustained damages on the front lights, two front meters, front mudguard, indicator and some brushes on the right side."

Ħut l-attur it-tnejn xehdu li hekk kif ġew mgħarrfa separatament bl-inċident, it-tnejn li huma telqu sabiex jaraw x'ġara u sabu li l-mutur kellu grif 'l hemm u 'l hawn u anki fanal u indicator imkissra, is-silencer daqsxejn mgħawweġ u migruf u daqqa fit-tank, u saħansitra wieħed minnhom Twanny Baldacchino saq il-mutur għall-garaxx tal-ieħor ġewwa Ħaż-Żabbar. Anki wieħed mis-sewwieqa tal-muturi Sandro Bonnici, ikkonferma li l-mutur mhux daqstant kellu ħsara.

Għalhekk din il-Qorti tista' tgħid ukoll li l-inċident ma seħħx b'riżultat ta' veloċità eċċessiva da parti tal-attur, jew forsi nuqqas ta' esperjenza fis-sewqan ta' mutur jew għax dan tfixkel huwa u jaqbeż il-muturi l-oħra li kienu qed isuqu f'grupp ta' sitta jew tmienja fl-istess karreġġjata tiegħu. Jirriżulta lil din il-Qorti li l-inċident kien riżultat ta' xi ċirkostanza barra l-kontroll tal-attur. Huwa ddikjara li ma setax jifhem ir-raġuni għaliex huwa kien tilef il-kontroll tal-mutur. Sandro Bonnici, wieħed mis-sewwieqa ta'

dak il-grupp ta' muturi xehed: "f'ħin minnhom ma nistax nifhem x'ġara, tilef il-kontroll tal-mutur u waqa' mal-bankina". Bl-istess mod xehed is-sewwieq l-ieħor Raymond Cachia. Il-Current Incident Report tal-Pulizija ma jindikax li ġie osservat xi fattur li seta' kkontribwixxa għall-inċident. Ħu l-attur, Twanny Baldacchino qal li huwa flimkien mas-Surġent tal-Pulizija kienu fittxew fit-triq sabiex isibu evidenza ta' x'seta' kkawża l-inċident, iżda ma kien instab xejn fuq il-post fejn kien seħħ l-inċident, anki meta għal darb'oħra mar l-għada jew jumejn wara. Xehed ukoll li l-mutur ma ħallewhx fuq il-post mhux għax l-attur kien tant insista, imma għaliex il-Pulizija kienu ser jitilqu minn hemm u huma beżgħu li forsi jgħabbih xi ħadd u jitlaq bih.

Jonqos li l-Qorti issa tindirizza l-kwistjoni dwar l-allegata responsabbilità tal-Awtorità konvenuta għad-debilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza tal-inċident. Jirriżulta li hekk kif l-attur tilef il-kontroll tal-mutur, dan qasam għall-karreġġjata l-oħra fejn qabad il-kurduna li kien hemm 'il barra mill-crash barriers. Hemmhekk huwa waqa' minn fuq il-mutur u ġie mal-crash barriers, filwaqt li l-mutur tkaxkar ftit metri oħra wara li waqa' wkoll minn fuqu t-tifel tal-attur Gabriel Baldacchino. Ma jirriżultax li hemm xi dubju dwar dak li jgħid l-attur, li huwa tkaxkar mal-guardrails hekk kif waqa' minn fuq il-mutur, u saħansitra nstabu biċċiet imqattgħin mill-ġakketta tiegħu maqbudin fihom.

L-attur ressaq diversi provi in sostenn tal-ilment tiegħu, li l-guard rails kienu neqsin minn element essenzjali għall-protezzjoni ta' sewwieq ta' mutur f'każ ta' inċident, dawk li jissejħu motorcycle strips. Iżda fil-fehma tal-Qorti dawn il-provi mhumiex rilevanti meħud inkonsiderazzjoni l-mod ta' kif seħħ l-inċident inkwistjoni. Tikkunsidra li l-attur mhux qed jilmenta li korra għax tkaxkar fil-baxx, u b'hekk kif sewwa josserva l-Perit Edgar Attard Montalto "il-motorcycle strip huwa hemmhekk attaposta biex jekk xi ħadd jiżloq bil-motorcycle specifically u jiġi taħt il-barrier, il-motorcycle strip iwaqqfek li tidħol taħt il-barrier". L-ilment tal-attur f'din il-kawża jirrigwarda l-ġrieħi li sofra meta qatta' driegħu tal-lemin ma' fejn il-crash barriers jitrikbu, tant hu hekk li ħalla biċċiet tal-ġakketta tiegħu magħhom, u dan proprju wara li l-mutur kien qabad il-kurduna u waqa' għal fuq il-crash barriers. Ħu l-attur, George Baldacchino xehed in kontroeżami li meta mar fuq il-post tal-inċident ftit wara li infurmah Gabriel Baldacchino li missieru kien weġġa', huwa osserva li "...kien hemm il-ġakketta mqatta' mal-barrier u bħalma għidt diġà, kien hemm id-dmija u tinduna li d-demm għadu frisk". Il-Qorti tqis li ġaladarba kif irriżulta, il-crash barriers li magħhom korra l-attur kienu proprju ddisinjati sabiex jimminimizzaw l-impatt u konsegwentement iddanni ta' inċident fil-karreġġjata opposta għal dik li l-attur kien qed isuq fiha73 , l-Awtorità konvenuta kellha tassigura li l-istess crash barriers u anki l-mod ta' kif tpoġġew fil-post, ma jservux ta' ħsara għall-persuni u għall-vetturi fil-karreġġjata l-oħra. Dan spjegah sew il-Perit Edgar Caruana Montalto fix-xhieda tiegħu in kontroeżami waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar, 2019, fejn huwa jaċċenna, fost affarijiet oħra, fuq żewġ difetti fix-xogħol tal-installazzjoni tal-crash barriers fil-lok fejn seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u li din il-Qorti tikkunsidra rilevanti għall-kwistjoni tal-korriment tal-attur: (i) dawn

il-crash barriers kienu ġew installati aktar 'l ġewwa mill-kurduna li kien hemm mal-ġenb tat-triq u għalhekk skont hu, "... jekk il-barrier huwa iktar 'il ġewwa u taħbat mal-kurduna, ic-chances huma, law of physics, li ħa ttir"; (ii) it-trikkib tal-crash barriers kien tajjeb biss għall-karreġġjata l-oħra, li kien sar fid-direzzjoni tat-traffiku, u mhux għall-karreġġjata li kien qed isuq fiha l-attur, u hawnhekk ukoll it-trikkib kien imqabbeż 'il barra sabiex ħalla l-vojt warajh. Il-Perit Edgar Caruana Montalto b'hekk spjega l-konsegwenzi b'mod prattiku u ċar kif ġej:

> "...jekk timxi b'idejk u tkaxkar idejk u sejjer id-direzzjoni lejn l-airport, meta jkun hemm dislivell jibqa' għaddej idejk, ma jkaxkarx. Meta jkollok pożizzjoni kif qiegħed hawnhekk jiġifieri mhux qiegħed flash imma qiegħed imqabbeż 'il barra ħa teħel miegħu".

Huwa kompla jispjega li crash barrier ma tistax taqdi żewġ naħat u s-soluzzjoni fil-każ odjern kellha tkun crash barrier oħra fin-nofs tat-triq, li fil-każ odjern ma kienx hemm.

L-Awtorità konvenuta ressqet diversi provi sabiex teżonera ruħha mit-tort għall-akkadut. Joseph Briffa impjegat bħala manager bir-responsabbilità tal-kompilazzjoni ta' specifications għat-tenders illi toħroġ l-imsemmija Awtorità konvenuta, xehed fit-tul dwar l-utilità tal-crash barriers u l-istandards li kienet timxi fuqhom l-Awtorità konvenuta fl-għażla u fit-tqegħid tagħhom. Huwa esprima l-opinjoni tiegħu fuq diversi aspetti, inkluż li t-triq fejn seħħ l-inċident inbniet għall-ħabta tad-disgħinijiet meta ma kinux għadhom ġew addottati l-istandards relattivi u l-crash barriers inkwistjoni tpoġġew hemmhekk sabiex jipproteġu l-arbli tad-dawl fl-istess triq  iżda ma ta l-ebda spjegazzjoni għalfejn il-crash barriers tqiegħdu aktar 'il gewwa mill-kurduna, u dwar il-kundizzjoni tal-istess crash barriers. Pjuttost stqarr li dawn il-crash barriers kienu magħmulin skont is-sengħa u li t-trikkib kien magħmul b'mod sabiex karozza ma teħilx miegħu, iżda tkompli timxi. Dan ix-xhud madankollu għaraf li l-crash barriers inkwistjoni kienu ta' perikolu fir-rigward ta' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta81 u hawnhekk naqas milli jgħid għal-liema raġuni ma saritx crash barrier oħra f'nofs it-triq sabiex tipproteġi l-utenti tal-karreġġjata li tagħti lejn Ħal Far. Ir-rapport ta' Joseph Briffa a fol. 494 tergo huwa aktar fidil lejn is-sitwazzjoni reali ta' periklu f'din it-triq. Hawnhekk insibu li huwa elenka s-segwenti fatturi ta' periklu għal dawk il-vetturi li jħallu l-karreġġjata:

> "The hazards for errant vehicles mainly comprise the following:
> • No centre divide – MAJOR
> • Steel road lighting poles at curve approx. 20m c/c distance
> • Substandard curve radius
> • Kerb"

B'hekk għal darb'oħra x-xhud rappreżentant tal-Awtorità konvenuta stess qiegħed jagħraf, fost affarijiet oħra, il-periklu tal-fatt li mhux biss m'hemmx crash barriers bejn iż-żewġ karreġġjati tat-triq, iżda l-periklu li toħloq il-kurduna kostruwita quddiem il-crash barriers.

> Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-Qorti tqies li l-Awtorità konvenuta bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li hija kienet ottemporat ruħha mal-obbligi tagħha fit-tqiegħid tal-crash barriers inkwistjoni u għalhekk għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut."

61. Ghalkemm din il-Qorti ma tiddisturbax bla raġuni jew leġġerment il-kostatazzjonijiet fil-mertu magħmula mill-Ewwel Qorti, inħasset il-ħtieġa f'dan il-każ li jsir rikapitulazzjoni tal-provi billi jitfgħu dawl fuq dak li ser jingħad.

62. Trid issir distinzjoni bejn dak li kien il-kaġun tal-inċident jew il-*causa prossima* u d-dannu jew ħsara li sofra l-attur konsegwenza tal-inċident. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti li ma sabitx ħtija fl-attur. L-inċident ma ġiex kawżat mill-*barriers* fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Dawn il-*barriers* ma kienu ta' ebda ostakolu għal dak li kien qed iseħħ fit-triq.

63. Jirriżulta illi l-attur għamel sorpass b'veloċità li skont l-espert kien bilfors *oltre* l-limitu regolamentari u tilef il-kontroll tal-mutur għal raġuni mhux identifikata bħala skużanti jew barra mill-kontroll tiegħu u spiċċa għan-naħa l-oħra tat-triq. Il-provi għalhekk juru li fuq bilanċ ta' probabbilità l-attur ma kienx attent biżżejjed fil-kontroll tal-mutur li kien isuq u għamel manuvra jew ha azzjoni ta' sewqan li telfitlu l-kontroll tal-istess mutur. Dan hu l-kaġun tal-inċident li għalih jirrispondi unikament l-attur ladarba ma eżonerax ruħu mill-obbligu li jipprova li l-inċident ma seħħx għal raġuni li mhix attribbwibbli kollha jew parti lilu.

64. Irid madankollu jiġi ndirizzat jekk il-*barriers* ikkontribwewx għal ħsara fiżika subita lill-attur. Bħala prinċipju l-Awtorità hi responsabbli għas-sigurtà fit-toroq. F'dan il-kaz il-*barriers* kienu ntiżi għal protezzjoni ta' min ikun fil-parti wara l-istess *barrier* minn traffiku ġej mid-direzzjoni opposta tal-mutur. Ma sarux biex jipprevjenu jew inaqqsu l-periklu għall-fatt li seħħ. B'danakollu kif jirriżulta mill-*press releases* li saru xhur wara l-inċident *ċioè* fit-22 ta' Ġunju 2015 fi *crash barriers* f'naħa oħra tal-gżira, l-Awtorità stqarret li kienet qed twaħħal *motorcyle strips* fil-parti ta' isfel tal-*crash barriers* sabiex sewwieqa ta' muturi ma jolqtux 'pillars on the edge of the barriers, with serious consequences'. Għalkemm ix-xhud Simon Grima, rappreżentant tal-Awtorità xehed li mhux dejjem isir 'corrective action' għax kull inċident għandu d-dinamika tiegħu, il-Qorti tqis li ma ngħatat ebda raġuni għaliex l-*motorcyle strips* ma twaħħlux mal-*barriers* in kwistjoni biex jipprevjenu dannu akbar għal min jolqot magħhom. Ma hemmx prova li dawn l-i*strips* kienet xi invenzjoni ta' sigurtà li ma kinitx disponibbli fiż-żmien li seħħ l-inċident. Għalhekk kien fir-responsabbiltà tal-Awtorità li tieħu ħsieb fl-obbligu li għandha tas-sigurtà fit-toroq li tipprovdi mezzi tajba biżżejjed ta' sigurtà li għalkemm ma jeliminawx dannu iżda ma jżiduhx. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Awtorità għandha tbati parti mid-dannu li sofra l-attur iżda mhux fil-grad tal-attur li xpruna hu waħdu r-responsabbiltà għall-inċident. Il-Qorti tiddetermina r-responsabbiltà tal-Awtorità fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%) għal ħsara li ġarrab l-attur.

65. **<u>Permezz tal-ħames aggravju</u>**, l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet matematikament skorretta fil-komputazzjoni u likwidazzjoni ta' danni u dan għaliex ma jirriflettix il-prinċipji stabbiliti mill-qrati tagħna.

66. Fir-rigward tad-*damnum emergens* u l-ispejjeż li għamel l-attur wara li akkwista vettura bil-modifiki neċessarji, peress li ma setax ikompli jsuq il-vettura li kellu qabel, l-appellanta tisħaq li għalkemm ma kinitx qed tikkontesta l-valur tal-karozza u l-irċevuta mressqa, bħala punt legali sostniet illi kellha titnaqqas il-valur tal-vettura li kellu mit-tieni vettura li kellu u dan peress li ma setax ikompli juża dik il-vettura. Konsegwentement, bħala *damnum emergens* il-Qorti kienet tieħu bħala valur id-differenza fil-vetturi.

67. Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, l-appellanta tilmenta illi l-Ewwel Qorti, ma kellhiex tikkalkula l-*multiplier* fuq ħames snin u dan għaliex meta seħħ l-inċident, l-attur kellu 59 sena u l-età pensjonabbli tiegħu kienet ta' 62 sena u li skont sentenzi tal-qrati nostrana, l-*multiplier* kellu jkun ikkalkulat fuq sena. Tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda tnaqqis u dan meta tat *lump sum payment* u li kellu jkun hemm tnaqqis ta' 6%.

68. L-Attur appellat wieġeb li dak li sfuġġa lill-appellanta hu li billi bejn meta tressqet l-azzjoni sas-sentenza kienu għaddew 5 snin, f'dak il-każ ma kienx baqa' skop għal-*lump sum reduction*. Jisħaq li l-iskop tal-*lump*

*sum reduction* hu li peress li persuna tkun ser titħallas dak li kieku tkun ingħatat fuq perjodu twil, tant li tali flus tista' tinvestihom allura titnaqqas parti mis-somma. Jgħid li l-inċident seħħ fl-2014, ngħata *multiplier* ta' 5 snin u s-sentenza ngħatat fl-2020, konsegwentement, l-perjodu tal-*multiplier*, kien diġà għadda u meta ngħata l-ammont dawn kienu prattikament arretrati.

69. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Danni*

*Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ li huwa seta' u jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.*

*Mr Raymond Gatt, consultant orthopaedic surgeon, li ġie maħtur espert mediku ġudizzjarju f'din il-kawża, ħejja rapport dettaljat82 wara eżami mediku tal-attur li sar fit-30 ta' Ottubru, 2016, jigifieri kważi sentejn wara li seħħ linċident, spjega dak li osserva hekk kif eżamina lill-attur u b'hekk wasal għallkonklużjoni li l-perċentwal ta' diżabilita' permanenti (whole person impairment) f'dan il-każ kellu jkun ta' 60%.*

*Damnum Emergens*
*:*
*L-attur ippreżenta diversi rċevuti tal-ispejjeż li huwa inkorra bħala riżultat tal-inċident. L-Awtorità konvenuta min-naħa tagħha, għalkemm qiegħda tikkontesta l-pretensjoni għall-ħlas ta' danni, ma ressqet l-ebda kontestazzjoni fir-rigward ta' dawn l-irċevuti. Iżda minkejja dan, il-Qorti trid tikkunsidra kull waħda minnhom sabiex jiġi stabbilit jekk jikkostitwixxux prova tajba ta' dak li qed jippretendi l-attur.*

*L-attur fl-affidavit tiegħu qal li bħala konsegwenza tad-debilità sofferta minnu, huwa kien kostrett jixtri karozza automatic bil-prezz ta' €4,700 u jagħmel xi modifiki fiha wkoll li swew €1,548.50, sabiex b'hekk huwa seta' jsuqha b'id waħda. Huwa esebixxa l-irċevuti relattivi u anki ħarrek ix-xhieda85 sabiex jikkonfermawhom. L-Awtorità konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tissottometti li minn dan l-ammont għandu jitnaqqas il-valur tal-vettura li qabel kienet tinstaq mill-attur u li sussegwentement huwa ma setax isuq aktar. Iżda din il-Qorti tosserva li l-Awtorità konvenuta fl-ebda stadju ma kkontestat id-danni materjali pretiżi mill-attur b'mod li hemm prova dwar il-valur tal-vettura l-oħra, u*

*dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan. Għalhekk il-Qorti tikkunsidra li l-ebda tnaqqis m'għandu jsir mill-ispiża magħmulha mill-attur li għandha tiġi aċċettata stante l-prova tagħha.*

*L-attur fl-istess affidavit jgħid ukoll li huwa inkorra spiża ta' €300, skont l-irċevuta esebita minnu a fol. 42 bħala Dok. JB6, meta inkariga lill-kirurgu ortopediku Mr Massimo Abela sabiex iħejji rapport. Dan ir-rapport86 jinsab esebit fl-atti, u għalhekk din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' din l-irċevuta. L-attur esebixxa tliet irċevuti oħra li huwa jgħid inħarġu mill-Isptar St. James Żabbar, iżda filwaqt li huwa ma jagħti l-ebda spjegazzjoni fir-rigward tagħhom, l-istess irċevuti ma joffru l-ebda ħjiel dwar is-servizz mogħti. Għalhekk din il-Qorti mhix ser taċċettahom. L-istess tgħid fir-rigward tal-ispejjeż ta' natura legali li qed jippretendi rimbors tagħhom l-attur, u dan stante li dawn jistgħu jiġu assorbiti taħt il-kap tal-ispejjeż li din il-Qorti ser tipprovdi għalih aktar 'il isfel.*

*B'hekk is-somma tad-danni materjali li sofra l-attur kawża tal-inċident inkwistjoni, hija ta' €6,548.50.*

*Lucrum Cessans:*

*F'sentenza fl-ismijiet Emmeline Cini vs. Antoine Cachia, il-Qorti qalet:*

> *"Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta 'paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-egħmil dirett tad-danneġġjant."*

*Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet Paul Debono vs. Malta Drydocks, ġie stabbilit illi:*

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill- persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."*

*L-attur min-naħa tiegħu pproduċa kopja tal-FS3 għas-snin 2012, 2013 u 201489 minn fejn jirriżulta li fis-sena 2014, jiġifieri s-sena meta seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kien jirċievi paga kull ġimgħa ta' €282.23, filwaqt li s-salarju sħiħ tiegħu għal dik is-sena kellu jkun ta' €14,675.96. Minn dan l-ammont wieħed għandu jnaqqas is-somma ta' €416.39 rappreżentanti t-taxxa dovuta u €1,467.60 rappreżentanti l-*

*kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali dovuta min-naħa tiegħu, sabiex b'hekk l-introjtu mnaqqas tal-attur għas-sena 2014 kellu jkun ta' €12,791.97.*

*Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' disgħa u ħamsin (59) sena, li hija l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-multiplier adottat ikun ta' 5, tenut kont li persuna ħafna drabi hija mistennija taħdem almenu sakemm ikollha ħamsa u sittin (65) sena sabiex tilħaq l-età pensjonabbli. F'sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs. Edward u Lydia konjuġi Restall, il-Qorti qalet:*

> *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'changes and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħ sal-età tal-pensjoni.*
> …
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler vs Heard, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."*

*Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier91 {€12,791.97 + (€12,791.97 x 1.18% x 5)}, sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem, fis-somma ta' €12,791.97 + €13,546.72 ÷ 2 = €13,169.35. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.*

*L-espert mediku ġudizzjarju Mr Ray Gatt wasal għall-konkluzjoni li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' 60%.92 Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmi espert mediku ġudizzjarju, li saħansitra mhux kontestat mill-partijiet.*

*L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (lump sum payment). Fil-każ odjern il-Qorti ma tqisx li għandu jsir dan it-tnaqqis ġaladarba ż-żmien tal-multiplier li huwa wieħed pjuttost qasir, issa laħaq għadda.*

> *Is-salarju medju ta' €13,169.35 x multiplier ta' 5 x 60% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal cifra ta' €39,508.05. Huwa dan il-lucrum cessans li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mill-Awtorità konvenuta lill-attur.*"

70. **Din il-Qorti** tqis li fir-rigward tal-vettura u t-tnaqqis fid-differenza tal-valur ma tressqet l-ebda prova li tali vettura ma kinitx ser tibqa' fil-pussess tal-attriċi jew tintuża minn membri familjari tal-attur stess. Li hu żgur huwa li minħabba l-akkadut l-attur kellu jidħol fi spejjeż ulterjuri u jakkwista vettura oħra.

71. Fir-rigward tal-*multiplier* jingħad li filwaqt li huwa minnu li ma hemmx garanzija li dak li jkun ser ikompli jaħdem sal-età pensjonabbli, r-realità tal-ġurnata hi li dak li jkun ikompli jaħdem ferm *oltre* dik l-età. F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' April 2024 fl-ismijiet **George Cuschieri v. Anthony Cuschieri** ġie deċiż li *multiplier* ta' 5 snin kienet ġusta anke għall-persuna li kienet diġà laħqet u qabżet l-età pensjonabbli:

> *"8. Dwar dan l-aspett, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:*
>
> *Il-Qorti tirrileva li għad illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni l-attur kien diġà pensjonant, dan ma jfissirx li huwa m'għandux jiġi kkumpensat għat-telf ta' qligħ futur, partikolarment in vista tal-fatt li meta seħħ l-inċident l-attur kellu l-età ta' tlieta u sittin sena, u għalhekk jekk ried jaħdem bi qligħ, huwa seta' jagħmel dan. Għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel b'rabta mat-telf ta' qligħ futur tal-attur, il-Qorti sejra tieħu d-dħul li kellu l-attur matul s-sena ta' qabel seħħ l-inċident, l-2008, fejn mid-dokumenti esebiti mix-xhud Saviour Theuma, jirriżulta li l-attur kellu dħul totali ta' €8,820.56. Dan id-dħul tal-attur għas-sena 2008 irid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja34 għall- perijodu kollu tal-multiplier35, sabiex b'hekk id-dħul bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €8,820.56 + €9,243.95/ 2 = €9,032.25. Huwa dan l-ammont li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel. Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment*

*aċċettat li fil-każ ta' persuni li qabżu l-età ta' sittin sena, il- multiplier li għandu jiġi adottat huwa ta' 5. F'sentenza fl-ismijiet John u Laura konjugi Ransley vs. Edward u Lydia konjugi Restall1, inkiteb:*

> *"Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad- danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ- 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l- persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.*
> *...*
> *Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad- danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' Butler vs Heard, b'danakollu l- ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl- ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala 'lucrum cessans' jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."*

*9. Fi ftit kliem, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li allavolja pensjonant, fiż-żminijiet tal-lum l-attur xorta kellu l-potenzjal li jaħdem u għal dan il-fini stabbiliet multiplikand ta' ħames snin. Multiplikand li ma vvintatux hi imma straħet fuq ġurisprudenza stabbilita. Din il-lanjanza wkoll qiegħda tiġi miċħuda.*

72. Fir-rigward tat-tnaqqis *lump sum*, din il-Qorti tqis li l-kawża ħadet ħames snin biex tkun deċiża u li llum il-ġurnata l-attur diġà laħaq l-età pensjonabbli, konsegwentement ma tqisx li hemm raġuni biex tnaqqas xi persentaġġ ieħor minħabba li l-ammont ingħata *lump sum*.

73. Billi din il-Qorti sabet li l-attur hu responsabbli għall-inċident iżda l-Awtorità għandha tagħmel tajjeb għal ħmistax fil-mija (15%) tad-dannu, minn sitta u erbgħin elf, sitta u ħamsin *Euro* u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€46,056.55) l-Awtorità intimata għandha tħallas ħmistax fil-mija (15%) u

ċjoè sitt elf, disa’ mija u tmien *Euro* u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€6,908.48).

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-Sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu sabet lill-Awtorità konvenuta unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni u minflok issib li l-attur hu unikament responsabbli għall-inċident iżda l-Awtorità hi responsabbli għal hmistax fil-mija (15%) tad-danni li sofra l-attur. Tirriforma d-danni llikwidati u minflok tillikwida l-ammont ta’ sitt elf, disa’ mija u tmien *Euro* u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€6,908.48) u tordna lill-Awtorità konvenuta tħallas lill-attur l-istess bl-imgħaxijiet legali minn dakinhar tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti. Tiċħad il-kumplament tal-appell.

L-ispejjeż tal-Ewwel Qorti u tal-appell għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss